# Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati
# MALTA

***Awissu 2011***

**Werrej**


| | | Paġna |
|---|---|---|
| Kapitlu 1 | INTRODUZZJONI | |
| 1.1 | Informazzjoni Ġenerali fuq Malta u t-Tniġġis min-Nitrati | 6 |
| 1.2 | Informazzjoni Ġenerali fuq id-Direttiva dwar in-Nitrati | 7 |
| 1.3 | Regolamenti Relatati fil-Leġislazzjoni Nazzjonali | 9 |
| 1.4 | L-Implimentazzjoni tad-Direttiva dwar in-Nitrati f'Malta | 9 |
| 1.5 | Reviżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati | 12 |
| Kapitlu 2 | EVALWAZZJONI TAL-LIVELLI TAN-NITRATI F'MALTA | |
| 2.1 | It-Tniġġis min-Nitrati fl-Ilma tal-Wiċċ | 16 |
| 2.2 | Il-Kontenut ta' Nitrati fl-Ilma tal-Pjan | 18 |
| 2.3 | Sorsi ta' Tniġġis min-Nitrati | 20 |
| 2.4 | Il-Bilanċ Gross ta' Nitroġenu għal Malta | 21 |
| Kapitlu 3 | MIŻURI TA' AZZJONI DWAR IN-NITRATI | |
| 3.1 | Perjodi meta l-applikazzjoni ta' fertilizzanti fuq l-art hija projbita | 27 |
| 3.2 | Rekwiżiti għall-mod ta' kif għandha ssir l-applikazzjoni tal-fertilizzanti fuq l-art | 28 |
| 3.3 | Miżuri dwar il-limiti tal-applikazzjoni ta' fertilizzanti fuq l-art | 29 |
| 3.4 | Faċilitajiet għall-ħażna tad-demel tal-bhejjem | 31 |
| 3.5 | Il-mod u l-post tal-ħażna tad-demel fl-azjendi agrikoli | 33 |
| 3.6 | Miżuri relatati mal-Prattiċi tal-Ġestjoni tal-Art | 34 |
| 3.7 | Miżuri relatati mal-Prattiċi tal-Ġestjoni tal-Azjendi Agrikoli | 36 |
| Kapitlu 4 | IŻ-ŻAMMA TA' REKORDS U L-MONITORAĠĠ TAL-KONFORMITÁ | |
| 4.1 | Rekords dwar l-Użu tal-Fertilizzanti | 37 |
| 4.2 | Kors dwar il-Ġestjoni tan-Nutrijenti | 37 |
| 4.3 | Rekords ta' l-Azjendi Agrikoli | 38 |
| 4.4 | Il-Kontroll tal-Bejgħ u ċ-Ċaqliq tal-Fertilizzanti | 39 |
| Kapitlu 5 | INFURZAR TAL-PJAN TA'AZZJONI DWAR IN-NITRATI | |
| 5.1 | Funzjonijiet, Setgħat u Dmirijiet tal-Awtorità Kompetenti | 41 |
| 5.2 | *Database* Nazzjonali tan-Nitrati | 41 |
| 5.3 | Infurzar | 43 |
| 5.4 | Reati | 45 |
| Kapitlu 6 | EVALWAZZJONI TAL-PJAN TA'AZZJONI DWAR IN-NITRATI | |
| 6.1 | Evalwazzjoni tal-effettività tal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati | 46 |
| 6.2 | Programm Ġenerali ta' Monitoraġġ | 46 |
| 6.3 | Monitoraġġ lokalizzat tal-ilma f'zoni ta' riskju ogħla | 48 |
| 6.4 | Monitoraġġ ta' l-impatt tal-miżuri fl-azjendi agrikoli | 48 |
| 6.5 | Programm ta' Monitoraġġ | 49 |
| Kapitlu 7 | IMPLIMENTAZZJONI TAL-PJAN TA'AZZJONI DWAR IN-NITRATI | |
| 7.1 | Investiment u Finanzjament | 51 |
| 7.2 | It-Twaqqif ta' Taqsima ta' Azzjoni dwar in-Nitrati | 52 |
| 7.3 | *Database* | *53* |
| 7.4 | Servizzi Nazzjonali ta' Konsulenza | 54 |
| 7.5 | Tqassim ta' Informazzjoni | 55 |

## Annessi


| | | Paġna |
|---|---|---|
| **Anness I** | *Cross-Compliance* mal-Istandards tan-Nitrati | 56 |
| **Anness II** | Ir-Rekwiżiti tan-Nutrijenti tal-Uċuħ tar-Raba’ | 58 |
| **Anness III** | Kontenut ta’ Nitroġenu fid-demel tal-bhejjem | 60 |
| **Anness IV** | Eżempju ta’ kif tikkalkula l-bilanċ tan-nutrijenti | 61 |
| **Anness V** | Kalkolu tal-bżonn ta’ kapaċità għall-ħażna tad-demel solidu/likwidu | 63 |
| **Anness VI** | Linji Gwida għall-Pjan għall-Ġestjoni tan-Nutrijenti | 65 |
| **Anness VII** | Mudell għar-Rekords tal-Azjendi Agrikoli | 70 |

## Sommarju Eżekuttiv

Dan il-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati jinkludi t-tieni Pjan ta' Azzjoni għal Malta kif mitlub mill-Artiklu 10 u mill-Anness 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/676 tat-12 ta' Diċembru 1991. Din id-Direttiva, magħrufa bħala d-Direttiva dwar in-Nitrati, tittratta l-ħarsien tal-ilma mit-tniġġis tan-nitrati minn sorsi agrikoli. Id-Direttiva dwar in-Nitrati ġiet trasposta fil-leġislazzjoni Maltija taħt l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, Kapitlu 504 tal-Liġijiet t' Malta (li qabel kien l-Att dwar il-Ħarsien tal-Ambjent, Kapitlu 435) permezz tar-Regolamenti tal-2001 dwar il-Ħarsien tal-Ilma mit-tniġġis ikkaġunat b'nitrati mill-biedja (Leġislazzjoni Sussidjarja 504.43). Din il-leġislazzjoni daħlet fis-seħħ fl-14 ta' Jannar 2003. Il-Gżejjer Maltin kollha ġew identifikati bħala Żona Vulnerabli għan-Nitrati (ŻVN) permezz ta' emenda lil-imsemmija Regolamenti li daħlet fis-seħħ bl-Avviż Legali 233/2004.

L-awtorità kompetenti għad-Direttiva dwar in-Nitrati hija l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA), madanakollu l-miżuri ta' implimentazzjoni tad-Direttiva huma r-responsabbiltà ta' tliet entitajiet differenti: il-MEPA hija responsabbli biex tassigura l-implimentazzjoni tad-Direttiva u l-monitoraġġ tal-ilma tal-wiċċ; l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi (MRA) hija l-aġenzija responsabbli għall-monitoraġġ ta' l-ilma tal-pjan (jew ta' taħt l-art) u r-regolamentazzjoni; id-Dipartiment tal-Agrikoltura fi ħdan il-Ministeru, għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali (MRRA), huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika Agrikola Tajba u l-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati.

Il-livelli ta' nitrati fl-ilma tal-wiċċ intern u dawk tal-pjan f'Malta ġeneralment jaqbżu l-limitu ta' 50mg/l b'ammonti kbar. L-informazzjoni miġbura mill-monitoraġġ permezz tal-ewwel ċiklu ta' rappurtaġġ tan-nitrati ma wriet l-ebda arrikkiment tan-nutrijenti sinifikanti fiz-zoni kostali. Il-medja ta' konċentrazzjoni annwali ta' nitrati, ġeneralment ma qabżitx l-10mg/l, u l-livelli li jaqbżu l-50mg/l kienu mkejla kull tant żmien fix-xitwa u f'diversi daħliet. L-ilma ġieri tal-wiċċ, l-iżviluppi kostali u l-infrastruttura (eż. it-telf ta' drenaġġ) aktarx li huma l-aktar sorsi ta' tniġġis min-nitrati f'dawn iz-zoni magħluqa.

Pass importanti fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar in-Nitrati kien l-iżvilupp ta' Kodiċi ta' Prattika Agrikola Tajba għal Malta (COGAP). Dan il-kodiċi daħal fis-seħħ fl-2004 u jkopri l-aspetti kollha tal-produzzjoni agrikola. Bejn l-2005 u l-2006 sar proċess ta' konsultazzjoni dwar l-implimentazzjoni effettiva tiegħu permezz ta' numru ta' seminars. Saru wkoll numru ta' laqgħat mal-komunità agrikola u fihom tqassmu fuljetti ta' informazzjoni.

Il-COGAP jinkludi miżuri li jindirizzaw direttament l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar in-Nitrati u huma dawn il-miżuri li kkostitwixxu l-ewwel Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati

għall-perjodu 2004-2007 (l-ewwel ċiklu ta' rappurtaġġ għal Malta wara li ssieħbet fl-UE). Il-miżuri tal-COGAP relatati mad-Direttiva dwar in-Nitrati ġew implimentati permezz tal-Pjan ta' Żvilupp Rurali għall-perjodu 2004 sa 2006 u fil-Pjan ta' Żvilupp Rurali attwali, li jkopri s-snin 2007 sa 2013.

## 1. Introduzzjoni

### 1.1 Informazzjoni Ġenerali fuq Malta u t-Tniġġis min-Nitrati

L-Arċipelagu Malti jikkonsisti prinċipalment fi tliet gżejjer abitati, Malta, Għawdex, u Kemmuna, u gżejjer żgħar oħra, bi spazju totali ta' 315.59km$^2$. Ċifri ppubblikati mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika jindikaw li l-popolazzjoni totali kienet tammonta għal 412,277 fl-2008, b'rata medja ta' tkabbir ta' inqas minn 1000 fis-sena.

Id-densità tal-popolazzjoni fil-gżejjer Maltin hija fost l-ogħla fid-dinja, u tilħaq l-1298 abitant/km$^2$ mqassma b'mod irregolari fuq it-territorju Malti. Hu maħsub li t-tkabbir tal-popolazzjoni lokali se jkun b'mod regolari sal-2025 u mbagħad jibda tnaqqis gradwali sakemm il-popolazzjoni tinżel għal madwar 400,000 sal-2050.[1] Is-settur agrikolu huwa responsabbli għal 1.62% tal-PGD[2] Malti u l-art agrikola użata tokkupa madwar 10,000 ettaru jew madwar 30% tat-territorju kollu.[3] B'mod ġenerali, l-attività agrikola saret iktar intensa wara s-sħubija ta' Malta fl-UE u dan wassal għal żieda sostanzjali ta' art saqwija matul l-aħħar ħames snin. Dawn iċ-ċifri jipprovdu perspettiva tad-diffikultajiet li għandhom il-gżejjer Maltin biex ilaħħqu mad-domanda għall-ilma, fid-dawl tan-nuqqas ta' riżorsi.

Malta tbati minn skarsezza ta' ilma kronika minħabba l-klima xotta tipika tal-Mediterran. Ma hawn l-ebda xmajjar ta' importanza ekonomika u sal-lum, l-ilma tal-pjan huwa l-uniku riżorsa naturali ta' ilma disponibbli. Dan l-ilma jintuża għas-settur agrikolu kollu kif ukoll għal madwar nofs il-provvista ta' ilma li tintuża għall-konsum uman.

Ir-rapport meħtieġ skond id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma 2000/60/KE (DQI) juri li 13 minn 15-il korp tal-ilma tal-pjan f'Malta u Għawdex għandhom kontaminazzjoni għolja min-nitrati. Ġie kkonfermat, b'mod xjentifiku, li t-tniġġis min-nitrati tal-korpi tal-ilma tal-pjan huwa primarjament ikkawżat minn fertilizzanti naturali u artifiċjali tal-prattiċi agrikoli lokali.

[1] Demographic Review. Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, Novembru, 2008.
[2] Aħbar mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, 043/2010.
[3] Stħarriġ fis-Settur tal-Irziezet, Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, 2007.

F'Malta t-tipi ta' ħamrija jvarjaw ħafna minn post għall-ieħor, kemm fl-oqsma seminaturali kif ukoll f'dawk agrikoli. Barra minn hekk, ta' spiss ikun hemm tipi differenti ta' ħamrija fl-istess għalqa jew f'distanza ta' ftit metri 'l bogħod. Il-pajsaġġi tal-gżejjer Maltin jistgħu jinġabru f'żewġ kategoriji ewlenin: (i) pajsaġġi seminaturali, fejn ftit li xejn tista' ssib evidenza ta' attività mill-bniedem; (ii) pajsaġġi magħmula mill-bniedem, fejn l-influwenza umana tista' tingħaraf minn kif l-art imżerżqa hi mtarrġa u mill-ħolqien ta' art għammiela magħmula permezz taċ-ċaqliq ta' kwantitajiet kbar ta' ħamrija depożitati fuq il-blat u/jew fuq il-ġebel tas-sejjieħ. Il-pajsaġġi seminaturali jinqasmu f'irdumijiet ħdejn il-baħar, xagħri, art li żżomm l-ilma s-sena kollha b'mod naturali , boskijiet, għoljiet tat-tafal *(Blue Clay)*, art li fuqha tiżbokka nixxiegħa u żżommha mxarrba, u art imrammla. Il-pajsaġġi magħmula mill-bniedem jistgħu jinqasmu f'għelieqi mtarrġa moderati, jew wieqfa fuq it-tafal, għelieqi mtarrġa baxxi, moderati, jew wieqfa fuq il-ġebla tal-ġir korallina, għelieqi mtarrġa baxxi, moderati, jew wieqfa fuq il-ġebla tal-ġir globiġerina, materjal depożitat fil-widien, u art imrammla u mtarrġa. F'Malta hawn seba' gruppi ewlenin ta' ħamrija li huma l-Calcisols, Leptosols, Vertisols, Luvisols, Cambisols, Regosols u Arenosols. F'Malta l-livell ta' alkali preżenti fil-ħamrija huwa wieħed moderat, b'livell ta' pH bejn 7.3 u 8.5 (MALSIS, 2004).

## 1.2 Informazzjoni Ġenerali fuq id-Direttiva dwar in-Nitrati

Id-Direttiva dwar in-Nitrati (tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej, 1991) għandha l-għan "li tnaqqas it-tniġġis tal-ilma kkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli u tevita aktar tniġġis minn dan." (Art.1). Din id-Direttiva tistabilixxi l-limitu ta' konċentrazzjoni tan-nitrati fl-ilma tax-xorb ta' 50mg/l bħala l-livell massimu permissibbli. Barra minn hekk, id-Direttiva tillimita l-applikazzjoni ta' demel tal-bhejjem fuq l-art sa 170kg ta' nitrati għal kull ettaru kull sena.

### 1.2.1 L-ilma li jaqa' fl-iskopijiet tad-Direttiva

L-ilma li tirreferi għalih id-Direttiva dwar in-Nitrati jinkludi kull tip ta' ilma tal-wiċċ, tal-pjan, temporanju u tal-kosta.

Id-Direttiva dwar in-Nitrati tiddefinixxi l-ilma mniġġes jew li hu f'riskju ta' tniġġis bħala:

- **ilma ħelu tal-wiċċ**, b'mod partikolari dak li jintuża għall-ilma tax-xorb li fih jew li jista' jkollu konċentrazzjonijiet ta' nitrati ta' aktar minn 50mg/l (jekk ma titteħidx azzjoni preventiva);

- **ilma tal-pjan** li fihom jew li jista' jkollu konċentrazzjonijiet ta' nitrati ogħla minn 50 mg/l (jekk ma titteħidx azzjoni preventiva);
- **għadajjar naturali tal-ilma ħelu, jew korpi oħra ta' ilma ħelu, estwarji, ilma tal-kosta u ilma marittimu** li hu ewtrofiku jew li fil-futur qrib jista' jsir ewtrofiku jekk ma titteħidx azzjoni preventiva.

Is-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja mogħtija f'Ġunju 2002, ikkjarifikat li l-ilma ewtrofiku jrid ikun indirizzat mid-Direttiva dwar in-Nitrati anke fejn l-ewtrofikazzjoni hi kkawżata primarjament minn fosfru aktar milli minn nitrati minn sorsi agrikoli (Każ C-258/00, Kummissjoni v Franza).

L-ewtrofikazzjoni tkun ikkawżata b'żieda eċċessiva ta' nutrijenti fl-ilma, bħal nitroġenu jew komponenti tal-fosfru li jikkawżaw, b'mod mgħaġġel, it-tkabbir ta' alka u forom aktar avvanzati ta' pjanti. Dawn iwasslu għal tfixkil mhux mixtieq fil-bilanċ tal-organiżmi preżenti u fil-kwalità tal-ilma konċernat.

### 1.2.2 Zoni denominati bħala Vulnerabbli għat-Tniġġis min-Nitrati u Approċċ għal Territorju Sħiħ

Id-Direttiva dwar in-Nitrati, f'Artiklu 3 toffri żewġ għażliet għad-denominazzjoni ta' Żoni Vulnerabbli għat-Tniġġis min-Nitrati: li jiġu denominati zoni separati jew li jitħabbar it-territorju nazzjonali kollu bħala vulnerabbli għat-tniġġis min-nitrati. L-għan li jiġu denominati z-zoni vulnerabbli għan-nitrati hu li jkunu identifikati siti u zoni kostali fejn l-użu eċċessiv tan-nitrati jista' jwassal għal degradazzjoni ambjentali. L-Istati Membri eżistenti tal-UE addottaw strateġiji differenti għad-denominazzjoni ta' zoni vulnerabbli.

F'rapport tal-2001[4] dwar it-tniġġis tan-nitrati fl-ilma tal-pjan, kien enfasizzat li l-ilma kollu tal-pjan ta' madwar il-gżejjer Maltin huwa vulnerabbli ħafna għat-tniġġis min-nitrati u jeħtieġ li tittieħed azzjoni rimedjali. Ir-rapport issuġġerixxa li Malta kollha għandha titqies bħala Żona waħda Vulnerabbli għan-Nitrati.

Fil-fatt, l-emenda li saret fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 504.43 tal-Liġijiet ta' Malta, bis-saħħa

[4] Compliance with the EC Nitrate in Agriculture Directive (91/676/EEC) for Malta, February 2001, Cranfield University.

tal-Avviż Legali 233 tal-2004, żiedet Anness VI ġdid mal-leġislazzjoni li ddikjara li Malta kollha għandha titqies bħala Żona Vulnerabbli Għat-Tniġġis Min-Nitrati.

### 1.3 Regolamenti Relatati fil-Leġislazzjoni Nazzjonali

Id-Direttiva dwar in-Nitrati ġiet trasposta fil-leġislazzjoni Maltija taħt l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, Kapitlu 504 tal-Liġijiet t' Malta (li qabel kien l-Att dwar il-Ħarsien tal-Ambjent, Kapitlu 435) permezz tar-Regolamenti tal-2001 dwar il-Ħarsien tal-Ilma mit-tniġġis ikkaġunat b'nitrati mill-biedja (Leġislazzjoni Sussidjarja 504.43). Din il-leġislazzjoni daħlet fis-seħħ fl-14 ta' Jannar 2003.

L-awtorità kompetenti mid-Direttiva dwar in-Nitrati hi l-Awtorità Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) filwaqt li l-kompetenza tal-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika Agrikola Tajba (COGAP) u tal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati, taqa' fuq id-Dipartiment tal-Agrikoltura fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali (MRRA).

### 1.4 L-Implimentazzjoni tad-Direttiva dwar in-Nitrati f'Malta

L-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar in-Nitrati f'Malta, minn meta Malta ssieħbet fl-UE sal-lum, hi mqassra fid-dokument ta' rappurtaġġ sottomoess lill UE fl-2008 hekk kif mitlub mill-Artiklu 10 tad-Direttiva dwar in-Nitrati. Dan kien l-ewwel obbligu ta' rappurataġġ li kellha Malta għall-perjodu mill-2004 sal-2007. F'dan il-perjodu l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar in-Nitrati kienet marbuta mal-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika Agrikola Tajba u l-ewwel Pjan ta' Azzjoni. Saret ukoll l-ewwel evalwazzjoni tal-livell ta' kontaminazzjoni tan-nitrati fl-ilma kollu, hekk kif inhu mitlub mill-istess Direttiva. Ir-riżultati ta' din l-evalwazzjoni wrew livell sinifikanti ta' kontaminazzjoni fl-ilma kollu, minbarra fl-ilma tal-kosta miftuħa.

Dan l-aħħar sar studju dwar il-kontaminazzjoni min-nitrati fl-ilma tal-pjan f'Malta. Dan ikkonferma li r-riżorsi tal-ilma ta' taħt l-art huma l-aktar fir-riskju ta' kontaminazzjoni min-nitrati minn sorsi agrikoli. Huwa mistenni li r-riżultati tan-netwerks ta' monitoraġġ tal-ilma tal-wiċċ u tal-pjan, stabbiliti mid-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, ikomplu jgħinu fl-implimentazzjoni ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati. Madankollu, iż-żmien pjuttost twil ta' rispons mill-akwifer jista' jtellef kull titjib li jista' jkun hemm fi żmien qasir.

#### 1.4.1 L-Iżvilupp ta' Kodiċi ta' Prattika Agrikola Tajba

Fl-2006, il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Ambjent żviluppa Kodiċi ta' Prattika Agrikola Tajba (COGAP) li jkopri kull aspett ta' produzzjoni agrikola li jinkludi (i) it-trobbija tal-bhejjem u ż-żamma tad-demel, (ii) prattiċi ta' fertilizazzjoni, (iii) prattiċi ta' irrigazzjoni, (iv) prattiċi tal-ħarsien tal-pjanti u (v) prattiċi fl-għelieqi. Il-miżuri tal- Kodiċi huma mqassma f'erba' klassijiet, li minnhom tlieta huma mandatorji u waħda volontarja.

Il-miżuri tal-Kodiċi relatati mad-Direttiva dwar in-Nitrati huma miġbura għalihom. Għalkemm ikklassifikati bħala "mandatorji", dawn il-miżuri jistgħu jkunu implimentati biss meta l-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati jiddaħħal fis-seħħ.

Sal-lum, 50% biss tal-azjendi agrikoli huma suġġetti għall-monitoraġġ u l-proċeduri ta' infurzar mitluba mir-regolamenti tal-*Cross-Compliance* relatati mad-Direttiva dwar in-Nitrati.

Il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali (MRRA) li kien qabel il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, (MRAE) organizza diversi seminars ta' taħriġ għall-bdiewa dwar il-COGAP fl-2005 u fl-2006. Il-laqgħat inżammu fi tliet reġjuni ewlenin tal-gżira (in-naħa ta' fuq, iċ-ċentru ta' Malta u n-naħa t'isfel) sabiex jiġbru l-komunità kollha agrikola. Kienu organizzati attivitajiet oħra ta' informazzjoni u laqgħat individwali mal-komunità agrikola, li fihom tqassmu wkoll xi fuljetti.

Saru wkoll laqgħat mal-partijiet interessati kollha, inkluż ma' dawk li mhux ġejjin mill-komunità tal-biedja. Inkluż pereżempju laqgħat li saru maċ-Ċentru Nazzjonali għar-Riċerka u l-Iżvilupp u mal-Kamra tal-Periti sabiex jiġi determinat il-mod ta' kif l-azjendi agrikoli (rziezet) bil-bhejjem għandhom ikunu ristrutturati sabiex jilħqu r-rekwiżiti tad-Direttiva dwar in-Nitrati kif ukoll tat-Trattament Xieraq ta' l-Annimali.

### 1.4.2 L-Iżvilupp ta' l-Ewwel Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar in-Nitrati għal-Malta

L-Artiklu 6.4(a) ta' l-Avviż Legali 343 ta' l-2001 li jittrasponi d-Direttiva dwar in-Nitrati, jagħmel referenza għall-miżuri li għandu jinkludi l-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati li fosthom insibu:

- perjodi ta' applikazzjoni ta' fertilizzanti fuq l-art;
- rekwiżiti dwar il-ħażna tad-demel tal-bhejjem;
- limitazzjonijiet dwar l-applikazzjoni ta' fertilizzanti fuq l-art.

Il-miżuri fil-COGAP li jirreferu għall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar in-Nitrati ffurmaw l-Ewwl Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar in-Nitrati għal-Malta u jinkludu:

i. Miżuri relatati mal-perjodi meta l-applikazzjoni ta' ċerti tipi ta' fertilizzanti fuq l-art mhix permessa

Il-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati jipprojbixxi l-applikazzjoni ta' demel tal-bhejjem matul l-istaġun tax-xita (mill-15 ta' Ottubru sal-15 ta' Marzu).

ii. Miżuri relatati mal-qies tal-faċilitajiet għall-ħażna tad-demel tal-bhejjem

Id-demel irid ikun maħżun f'postijiet magħluqa u li ma jnixxux u li jkunu mqabbda ma' fossa li trid tkun ukoll magħluqa u ma tnixxix. Il-kapaċità minima ta' ħażna tad-demel solidu trid tkun biżżejjed biex isservi t-tul ta' żmien fejn it-tifrix ta' demel fuq l-art mhux permess (mill-15 ta' Ottubru sal-15 ta' Marzu). Il-fosos tad-drenaġġ iridu jkunu kbar biżżejjed biex iżommu l-awrina u l-ilma tal-ħasil għal mill-inqas 15-il jum. Id-demel solidu jrid ikun maħżun f'postijiet magħluqa mill-15 ta' Ottubru sal-15 ta' Marzu. Il-ħażna ta' demel solidu fl-għelieqi hija permessa bejn is-16 ta' Marzu u l-14 ta' Ottobru jekk il-kontenut ta' materjal xott ikun ta' mill-inqas 30%.

Il-produttur (u l-kuntrattur, jekk involut) huwa obbligat ukoll li jżomm rekords tat-trasport u r-rimi ta' demel likwidu kif ukoll dak solidu, inkluż id-dati, il-kwantitajiet u d-destinazzjoni finali.

L-ammont ta' demel tal-bhejjem li jista' jkun applikat fuq l-art huwa limitat ukoll mill-kontenut tan-nitroġenu, jiġifieri 210kg N/Ett għall-ewwel erba' snin tal-Pjan ta' Azzjoni (2004-2008), u 170kg N/Ett minn hemm 'il quddiem.

iii. Miżuri li jirrelataw mal-limitazzjoni tal-applikazzjoni ta' fertilizzanti fuq l-art

Il-Pjan ta' Azzjoni pprojbixxa l-applikazzjoni ta' fertilizzanti f'ħamrija mifqugħa bl-ilma u f'ħamrija f'zoni suxxettibli għall-għargħar. Il-Pjan ta' Azzjoni ddefenixxa wkoll id-distanza minima minn passaġġi tal-ilma u mill-kosta għall-applikazzjoni ta' fertilizzanti minerali u organiċi. Barra minn hekk, il-fertilizzanti ma jistgħux ikunu applikati f'art imżerżqa, sakemm ma jkunux inkorporati immedjatament wara l-applikazzjoni.

L-applikazzjoni ta' demel likwidu mhux permess f'ħamrija b'pendil ta' 10m/100m.

Il-Programm ta' Azzjoni inkluda miżuri li jispeċifikaw il-proċeduri għall-applikazzjoni ta' fertilizzanti minerali u organiċi li jiżguraw rata uniformi ta' tifrix. L-applikazzjoni ta' ħama tad-drenaġġ mhux trattat fuq l-għelieqi mhix permessa.

Biex wieħed ikun jista' jużа fertilizzanti minerali u organiċi, li jinkludu d-demel tal-bhejjem, kellu jagħmel pjan ta' fertilizzazzjoni bl-għan li jintlaħaq bilanċ tan-nutrijenti fil-ħamrija. Il-Pjan ta' Azzjoni jgħid ukoll li l-fertilizzanti jridu jkunu applikati ftit wara ż-żrigħ u jirrakkomanda li l-fertilizzanti, kull meta jkun possibbli, ikunu applikati b'mod gradwali.

iv. Miżuri oħra

Skond Il-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati kien meħtieġ li l-bdiewa jżommu rekords tal-ġarr tad-demel u x-xiri ta' kull tip ta' fertilizzant minerali, organiku u demel tal-bhejjem.

### 1.4.3 L-Implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (DQI)

Żvilupp ta' Programm ta' Monitoraġġ elenkat mid-DQI

Huwa mistenni li r-riżultati tal-programmi ta' monitoraġġ tal-ilma kostali u tal-ilma tal-pjan żviluppati bid-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, isaħħaħ l-għarfien tagħna dwar il-kontaminazzjoni min-nitrati u l-ewtrofikazzjoni. Ir-riżultati miġbura minn dawn in-netwerks ta' monitoraġġ se jsaħħu d-Direttiva dwar in-Nitrati u għandhom jipprovdu informazzjoni utli biex ikunu stabbiliti xejriet f'zoni vulnerabbli.

Żvilupp ta' programm ta' miżuri

Fit-tfassil tal-ewwel Pjan għall-Ġestjoni tal-Ġbir tal-Ilma tal-Gżejjer Maltin, il-miżuri bażiċi li joħorġu mid-Direttiva dwar in-Nitrati ġew inklużi fil-programm ta' miżuri żviluppat sabiex l-ilma kollu jilħaq kwalità tajba. Dawn il-miżuri ġew diskussi u l-partijiet ewlenin interessati, inklużi dawk tas-settur agrikolu, ġew ikkonsultati.

## 1.5 Reviżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati

### 1.5.1 Problemi misjuba fl-implimentazzjoni tal-ewwel Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati

Instabu diversi problemi fl-implimentazzjoni tal-ewwel Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati. Kien evidenti li ċerti miżuri ma kinux prattiċi u kienu diffiċli ħafna biex timplimentahom. Xi bdiewa sabuha diffiċli biex jimplimentaw il-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati minħabba raġunijiet finanzjarji. Min irabbi l-bhejjem hu mħasseb minħabba l-ispejjeż tat-tibdiliet infrastrutturali meħtieġa sabiex jiġi implementat il-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati. Dan, meta mqabbel mad-daqs żgħir tal-azjendi agrikoli, kompla għamilha diffiċli biex ikun implimentat l-ewwel Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati. Fil-każ tas-settur tal-art agrikola, l-aktar li jinqalgħu problemi huwa minħabba n-natura partikolari ta' dan is-settur f'Malta, fejn hija prassi li l-bdiewa jkabbru diversi wċuħ f'sena waħda. Għaldaqstant il-bdiewa kienu obbligati li jkollhom pjanijiet ta' fertilizzazzjoni għal kull wiċċ ta' raba'. Dan iżid l-ispejjeż u joħloq problemi prattiċi fl-implimentazzjoni.

### 1.5.2 Kwestjonijiet ewlenin li għandhom jiġu indirizzati fl-iżvilupp tat-Tieni Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar in-Nitrati

Is-settur tat-trobbija tal-bhejjem f'Malta bbenefika mill-fondi tal-UE u dan l-aħħar, il-bdiewa u r-raħħala rristrutturaw il-faċilitajiet tagħhom u rranġaw l-istrutturi li jużaw għall-ħażna tad-demel. Dan it-titjib jawgura tajjeb li tinstab soluzzjoni għall-problema tat-tniġġis min-nitrati. Minkejja dan, Malta s'issa għad ma għandha l-ebda regolament fis-seħħ li jillimita l-applikazzjoni ta' fertilizzanti kif preskritt fid-Direttiva. Fost il-parametri l-oħra, id-Direttiva tirrikjedi illi fil-formolazzjoni tal-pjan tal-fertilizzanti għandhom ikunu kkunsidrati l-livelli ta' nitrati preżenti fil-ħamrija u fl-ilma użat għall-irrigazzjoni. B'hekk ikun jista' jiġi ddeterminat il-fertilizzant żejjed li jista' jkun hemm bżonn biex ikun supplimentat l-assorbiment mill-wiċċ mingħajr ma jkun affettwat l-ilma tal-pjan. Barra minn hekk, dawn il-miżuri għandhom ikunu applikati minn kull azjenda agrikola u minn kull taqsima tal-bhejjem. L-ammonti ta' fertilizzanti permessibbli għandhom iwasslu għal limitu ta' 50mg/l fl-ilma kollu.

Trid tittieħed azzjoni fl-azjendi agrikoli individwali ta' Malta u Għawdex, u fost oħrajn, se tinvolvi l-identifikazzjoni ta' kontribuzzjonijiet tan-nitroġenu mill-ħamrija u mill-ilma għall-irrigazzjoni. Għaldaqstant ser ikunu mqabbda numru ta' tekniċi mħarrġa sabiex iwettqu l-ispezzjonijiet u l-ittestjar meħtieġ.

Bħalissa, dawk l-azjendi agrikoli li japplikaw għal sussidji tal-UE (madwar 50% tat-total) huma suġġetti għal proċeduri ta' monitoraġġ u infurzar mitluba mir-regolamenti tal-*Cross-Compliance*. L-**Anness I** juri l-Istandards tan-Nitrati applikabbli għall-*cross-compliance*. Barra minn hekk, illum madwar 7% biss tal-azjendi agrikoli li jikkwalifikaw huma magħżula għall-ispezzjonijiet u l-kontrolli għall-*cross-compliance*. Dawn il-prattiċi ta' monitoraġġ għandhom ikunu mtejba sabiex jintlaħaq progress fit-tnaqqis tan-nitrati fuq skala nazzjonali.

Fis-settur tal-art agrikola (*arable sector*), ir-riżultati tal-kontrolli li saru jindikaw illi l-maġġoranza tal-bdiewa kienu konformi mal-istandards relatati ma' prattiċi agrikoli u ġestjoni tajba, inkluż li ma jkunx applikat fertilizzant f'ħamrija mifqugħa bl-ilma, f'passaġġi tal-ilma u fuq art imżerżqa, kif ukoll li jkunu konformi mal-proċeduri relatati mat-tferrix uniformi tal-fertilizzanti.

In-nuqqas ta' konformità mal-obbligi kien relatat mal-limitazzjonijiet tar-rekwiżit tal-uċuħ tar-raba'. Iż-żamma ta' rekords mill-bdiewa spiss tiġi injorata minħabba n-nuqqas ta' edukazzjoni u taħriġ tal-bdiewa. Il-pjanijiet għall-użu tal-fertilizzanti ħafna drabi jkunu disponibbli għall-azjendi agrikoli però, fil-maġġoranza tal-każijiet, dawn ma jkunux segwiti. L-ewwel Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati ma kellux ir-rekwiżiti li jobbligaw lill-bdiewa jżommu r-rekords dwar l-użu tal-fertilizzanti fl-azjendi agrikoli (l-irziezet) tagħhom. Din is-sitwazzjoni wasslet għal problemi matul il-verifika tal-konformità mar-rati tal-applikazzjoni ta' fertilizzanti rakkomandati fil-pjan tal-fertilizzanti.

In-nuqqas ta' konformità mal-istandards minn dawk li jrabbu l-bhejjem hu prinċipalment relatat ma' faċilitajiet ta' ħażna tad-demel insuffiċjenti u inadegwati. Għalkemm l-ispiża fl-infrastruttura relatata ma' dawn ir-rekwiżiti hija għolja, fil-każ ta' azjendi agrikoli kbar, in-nuqqas ta' konformità kien prinċipalment relatat ma' kwestjonijiet li jikkonċernaw il-permessi ta' l-ppjanar jew ta' l-iżvilupp. Fil-każ ta' azjendi agrikoli żgħar in-nuqqas ta' konformità hu relatat ma' raġunijiet finanzjarji.

L-ewwel Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati kien jinkludi r-rekwiżiti għall-manteniment ta' rekords tal-ġarr ta' demel minn dawk li jrabbu l-bhejjem. Però dawn kienu ta' ftit użu, għaliex ma kien hemm l-ebda *database* biex tgħin fil-*cross-checks* ma' rekords relatati mal-użu ta' dan id-demel mill-bdiewa li jaħdmu r-raba'.

L-enfasi fl-implimentazzjoni ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati sa tkun fuq il-prevenzjoni ta' tniġġis futur min-nitrati agrikoli, partikolarment fuq it-tnaqqis ta' fertilizzanti nitroġeni u l-eliminazzjoni ta' kontaminazzjoni mis-siti l-aktar imniġġsa.

Kien importanti għalhekk li dan il-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati ħa dawn il-preokkupazzjonijiet in konsiderazzjoni u pprovda miżuri prattiċi sabiex jingħelbu d-diffikultajiet li nqalgħu fl-implimentazzjoni tal-ewwel Pjan, pereżempju permezz ta' miżuri speċifiċi u taħriġ biex il-bdiewa jingħataw għajnuna sabiex ikunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom dwar iż-żamma tar-rekords.

Dan il-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati se jkun kodifikat fl-leġislazzjoni Maltija sussidjarja permezz ta' Avviż Legali ppubblikat taħt l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp (Kapitlu 504 tal-Liġijiet ta' Malta), ir-Regolamenti ta' l-2011 dwar Programm ta' Azzjoni dwar in-Nitrati. Dawn ir-regolamenti se jirrifletti l-obbligazzjonijiet legali li jkunu japplikaw għall-azjendi agrikoli kollha. Dan il-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati ġie wkoll armonizzat mal-miżuri regolatorji oħrajn sabiex jiżgura allinjament mar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar in-Nitrati u sinerġiji ma' direttivi oħrajn.

## 2.0 Evalwazzjoni tal-Livelli tan-Nitrati f'Malta

---

## 2.1 It-Tniġġis min-Nitrati fl-Ilma tal-Wiċċ

### Monitoraġġ tal-kwalità tal-ilma f'Malta

Il-programm ta' monitoraġġ tal-ilma kostali tal-wiċċ u tal-pjan beda fl-2005 u kompla perjodikament matul l-2008. B'kollox intgħażlu 26 stazzjon ta' monitoraġġ tal-ilma tal-wiċċ kostali u 12-il stazzjon tal-ilma tal-wiċċ intern.. L-għażla tas-siti kostali tirrifletti l-għarfien tal-użu tal-art agrikola u l-prattiċi agrikoli kif ukoll informazzjoni topografika. Id-distribuzzjoni tal-istazzjonijiet f'intervalli matul ix-xatt ipprovdiet kampjun rappreżentattiv tal-ilma kostali tal-gżejjer Maltin u kkunsidrat ukoll il-monitoraġġ tal-kwalità tal-ilma għall-għawm.

(i) Ilma Kostali

Ir-riżultati tal-programm ta' monitoraġġ tad-Direttiva dwar in-Nitrati 2006 sal-2008 wrew li fil-parti l-kbira taz-zoni kostali il-konċentrazzjoni ta' nitrati hi baxxa ħafna (<10mg/l medja annwali). Il-konċentrazzjoni annwali tan-nitrati medja kienet bejn 10-25mg/l f'madwar 10% biss tal-istazzjonijiet kostali mmonitorjati. Il-medji tax-xitwa qabżu l-25mg/l f'żewġ stazzjonijiet biss; però f'wieħed minn dawn l-istazzjonijiet kien hemm livelli rreġistrati ta' aktar minn 50mg/l. Dawn iż-żewġ stazzjonijiet ta' monitoraġġ kienu fil-ġenb ta' daħla relattivament kbira/bajja li tirċievi ilma ġieri sinifikanti minn fuq l-art.

Ir-riżultati miksuba mill-programm ta' monitoraġġ tan-nitrati huma konsistenti mar-rapporti preċedenti u mal-analiżi li saret bir-*remote sensing* tas-satellita, li indikaw li l-ewtrofikazzjoni hija limitata fiż-żmien u f'daħliet u f'bajjiet speċifiċi madwar il-gżejjer. Fil-fatt, kienu ġew irrappurtati kundizzjonijiet moderati ewtrofiċi fir-reġjuni tal-port (prinċipalment f'Marsamxett, fil-Port il-Kbir u f'Marsaxlokk). L-aktar kawża probabbli ta' tniġġis f'dawn iz-zoni mhix l-agrikoltura imma l-kontaminazzjoni mid-drenaġġ.

Infatti l-livell ta' kontribuzzjoni tal-agrikoltura għat-tniġġis min-nutrijenti fl-ilma tal-kosta mhux magħruf. Sal-lum sar biss studju[6] wieħed f'attentat biex tinftiehem l-importanza tal-livell ta' nutrijenti minn ilma ġieri fl-ilma kostali ta' Malta. Dan l-istudju jindika illi l-iskulatura minn

---

[6] Tabone Adami, E, 2001. *GIS-based modelling of nutrient transfers from land to coastal waters for understanding eutrophication patterns*. Teżi sottomessa għall-grad ta' Dottorat fil-Filosofija, Darwin College, Cambridge, April 2001.

diversi sorsi tista' tkun ikkunsidrata bħala sors ta' tniġġis sinifikanti. Anke jekk dan hu minnu, il-livelli ta' nutrijenti mill-ilma ġieri fuq l-art ma jistgħux ikunu attribwiti biss lil sorsi agrikoli. Barra mill-prattiċi attwali agrikoli u tat-trobbija tal-bhejjem, ir-rimi ta' drenaġġ mhux trattat u l-fawran tan-netwerk tad-drenaġġ ġew identifikati bħala l-kontributuri ewlenin għal-livelli ta' nutrijenti għolja fil-portijiet u l-bajjiet kennija madwar il-gżejjer.

(ii) Ilma tal-wiċċ intern

Ir-riżultati tal-programm ta' monitoraġġ tan-nitrati wrew li l-agrikoltura għandha kontribuzzjoni akbar għall-kontaminazzjoni tal-ilma tal-wiċċ intern min-nitrati minħabba prattiċi agrikoli intensivi, partikolarment fejn dawn il-korpi tal-ilma jiddependu direttament mit-tnixxija min-nixxigħat. Fil-fatt, il-livelli tan-nitrati fl-għaxar korpi tal-ilma tal-wiċċ intern u tal-ilma temporanju jaqbżu l-limitu ta' 50mg/l.

Irid ikun enfasizzat li l-ilma tal-wiċċ intern f'Malta huwa korp ta' ilma żgħir ħafna li ma jistax jitqabbel max-xmajjar u l-lagi perenni f'pajjiżi oħra. Għall-kuntrarju, dan il-korp tal-ilma hu żgħir ħafna u jseħħ skond l-istaġun, f'forma ta' għadajjar żgħar tal-ilma bi flussi baxxi ħafna u b'dimensjonijiet żgħar. Dan it-tip ta' ilma mhux użat għax-xorb u l-unika importanza tiegħu hi ekoloġika għax fih jgħixu diversi speċi endemiċi.

L-ilma tal-wiċċ kollu monitorat bid-Direttiva dwar in-Nitrati jagħmel parti wkoll minn Zoni Speċjali ta' Konservazzjoni (ŻSK) skond id-Direttiva dwar il-Ħabitats. Fl-2005, dawn il-korpi tal-ilma ġew ukoll denominati bħala korpi tal-ilma taħt id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (DQI).

Irid ikun enfasizzat ukoll li l-ebda mill-korpi tal-ilma tal-wiċċ intern f'Malta ma huma sorsi ta' ilma tax-xorb. Fil-fatt, l-importanza primarja tagħhom hi l-valur ekoloġiku. Prattikament, il-ħabitats u l-bijota ta' kull wieħed minn dawn il-korpi tal-ilma jinkludu speċi rari, mhedda jew endemiċi, li huma kollha ta' importanza ta' konservazzjoni primarja. Huwa ċar illi dawn il-korpi tal-ilma f'kull kategorija (xmajjar, lagi, ilmijiet temporanji) huma pjuttost differenti u kważi fil-każijiet kollha għandhom biss ftit fatturi komuni. Barra minn hekk, hemm ukoll inċertezza konsiderevoli dwar il-firxa naturali ta' vulnerabilità u f'ċerta każijiet ma hemm l-ebda informazzjoni disponibbli. Abbażi ta' dak li hu magħruf, huwa evidenti li dawn il-korpi huma dinamiċi ħafna u jbiddlu l-karattru skond iż-żmien tas-sena, xi kultant f'livelli estremi.

Huwa għalhekk diffiċli li wieħed jevalwa l-importanza u l-impatti ta' livelli rrekordjati ta' nitrati f'dawn l-ilmijiet mingħajr aktar *data*, partikolarment fir-rigward tal-bijodiversità li fihom.

### 2.2 Il-Kontenut ta' Nitrati fl-Ilma tal-Pjan

Id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (DQI) tirrikjedi illi l-Istati Membri jġibu l-istatus ta' Ilma Tajjeb ta' taħt l-Art sal-2015. Id-DQI adottat l-"istandard tal-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art" tad-Direttiva dwar in-Nitrati, u tirrikjedi illi l-Istati Membri jnaqqsu l-livelli tan-nitrati għal inqas minn 50mg/l fil-korpi kollha tal-ilma ta' taħt l-art (l-ilma tal-pjan).

Bħala parti mill-proċess ta' implimentazzjoni tad-DQI, fl-2008 l-Awtorità Maltija dwar ir-Riżorsi nediet programm ta' monitoraġġ dettaljat tal-kwalità tal-korpi kollha tal-ilma tal-pjan fil-gżejjer Maltin. L-għan prinċipali ta' dan il-programm ta' monitoraġġ kien li janalizza l-istat kwalitattiv ta' dawn il-korpi tal-ilma tal-pjan b'rabta mar-rekwiżiti kwalitattivi tad-DQI u għalhekk jidentifikaw dawk il-parametri li għalihom hemm bżonn monitoraġġ aktar dettaljat.

| Kodiċi tal-Korp tal-Ilma ta' Taħt l-Art | Isem tal-Korp tal-Ilma ta' Taħt l-Art | Numru ta' Stazzjonijiet ta' Monitoraġġ | Kontenut Medju ta' Nitrati 2009 (mg/l) |
|---|---|---|---|
| MT001 | Livell tal-Baħar f'Malta (MSL) | 15 | 73.9 |
| MT002 | Ir-Rabat-Ħad-Dingli ('il fuq mil-livell tal-baħar) | 5 | 137.3 |
| MT003 | L-Imġarr-Il-Wardija ('il fuq mil-livell tal-baħar) | 1 | 139 |
| MT005 | Il-Pwales (kostali) | 1 | 364.6 |
| MT006 | Il-Miżieb (livell tal-baħar) | 1 | 34.1 |
| MT008 | Il-Mellieħa ('il fuq mil-livell tal-baħar) | 1 | 91.8 |
| MT009 | Il-Mellieħa (kostali) | 1 | 335.4 |
| MT010 | Il-Marfa (kostali) | 1 | 213.4 |
| MT012 | Kemmuna (livell tal-baħar) | 1 | 35.9 |
| MT013 | Għawdex (livell tal-baħar) | 6 | 49.4 |
| MT014 | Għajnsielem ('il fuq mil-livell tal-baħar) | 1 | 99.9 |
| MT015 | In-Nadur ('il fuq mil-livell | 1 | 88.4 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | tal-baħar) | | |
| MT016 | Ix-Xagħra ('il fuq mil-livell tal-baħar) | 1 | 215.2 |
| MT017 | Iż-Żebbuġ ('il fuq mil-livell tal-baħar) | 1 | 315.9 |
| MT018 | Ir-Rabat (Victoria)-Ta' Kerċem ('il fuq mil-livell tal-baħar) | 2 | 133.5 |

**Tabella 1: Il-Medja tal-Kontenut ta' Nitrati fil-korpi tal-ilma tal-pjan tad-Distretti tal-Ġbir tal-Ilma f'Malta**

Ir-riżultati ta' dan il-programm ta' monitoraġġ (**Tabella 1**) ikkonfermaw li tnax-il korp tal-ilma ta' taħt l-art għandhom livelli ta' nitrati ogħla mill-istandard tal-kwalità tal-UE. Dawn ir-riżultati jinkludu s-sistema tal-medja tal-livell tal-ilma baħar ta' Malta, li hu bla dubju l-aktar korp ta' ilma importanti fil-gżejjer. Barra minn hekk, tliet korpi tal-ilma ta' taħt l-art għandhom livelli ta' nitrati li jaqbżu aktar minn sitt darbiet l-istandard tal-kwalità. Kienu tliet korpi tal-ilma biss li ġew identifikati li għandhom livelli inqas ta' nitrati mill-istandard tal-kwalità. Fost dawn hemm il-korp ta' Għawdex (fil-livell tal-baħar) li huwa viċin ħafna li jilħaq l-istandard tal-kwalità. Dan il-korp tal-ilma tal-pjan qiegħed fil-periklu u aktarx jonqos milli jilħaq l-istandard ta' 'stat tajjeb' fl-2015. Stampa skematika tal-kontenut tan-nitrati fl-ilma ta' taħt l-art hi murija f'**Stampa I**.




**Stampa I: Rappreżentazzjoni skematika tal-medja tal-kontenut ta' nitrati fil-korpi tal-ilma ta' taħt l-art fil-gżejjer Maltin.**

## 2.3 Sorsi ta' Tniġġis min-Nitrati

Fl-2008, l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, permezz ta' fondi għal 'Assistenza Teknika' mill-Pjan ta' Żvilupp Rurali f'Malta, ikkummissjonat investigazzjoni kwalitattiva tal-korpi kollha tal-ilma tal-pjan f'Malta u Għawdex, bil-għan li tinkiseb evidenza xjentifika li tidentifika s-sorsi ta' nitrati li jwasslu għat-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art. Dan l-istudju, li kien magħmul mill-British Geological Survey, involva l-identifikazjoni ta' 'karatteristika iżotopika'[8] ta' diversi sorsi preżenti fil-gżejjer Maltin li jistgħu jwasslu għal tniġġis min-nitrati u l-korrelazzjoni tagħhom mal-karatteristika prevalenti tan-nitrati preżenti fl-ilma ta' taħt l-art sottostanti.

Qabel dan l-istudju, is-sorsi potenzjali ewlenin ta' kontaminazzjoni min-nitrati fil-gżejjer Maltin kienu mistennija jinkludu sorsi diretti bħal tnixxijiet min-netwerk tad-drenaġġ, tnixxija minn azjendi agrikoli tal-bhejjem, lissija diretta ta' fertilizzanti artifiċjali u sorsi indiretti bħall-applikazzjoni ta' fertilizzanti fuq l-art. Saret analiżi għall-iżotopi stabbli ta' ossiġnu u ta' nitroġenu fil-jone tan-nitrat fuq numru ta' kampjuni minn dawn is-sorsi kollha ta' tniġġis u fuq kampjuni tal-ilma tal-pjan li ttieħdu minn akwifers individwali.




**Stampa 2: Sommarju tal-$\delta^{15}N$ u $\delta^{18}O$ fin-nitrati tal-ilma tal-pjan u diversi sorsi potenzjali ta' nitrati (sors: rapport BGS )**

Ir-riżultati tal-proġett (**Stampa 2**) indikaw li n-nitrati mid-drenaġġ mhumiex kontributuri maġġuri għal nitrati għolja fl-ilma ta' taħt l-art, filwaqt li l-lissija ta' nitrati mill-ħamrija kultivata

[8] Il-'karatteristika iżotopika' hi r-*ratio* ta' iżotopi stabbli ta' nitroġenu u ossiġnu fil-jone tan-nitrat.

probabbilment hija l-aktar sors importanti tal-kontiminazzjoni min-nitrati. Madankollu, wieħed ma jistax jinjora l-importanza li jista' jkollha d-derivazzjoni mid-demel tal-bhejjem. Id-*data* dwar l-iżotopi ma setgħetx telimina l-fertilizzanti inorganiċi u/jew id-demel tal-bhejjem bħala sors oriġinali ta 'nitroġenu. Id-*data* hija kompatibbli mal-proċess fejn in-nitroġenu mill-fertilizzanti inorganiċi u/jew mid-demel tal-bhejjem jkun assimilat fil-ġabra ta' nitroġenu organiku fil-ħamrija, u jieħu l-kompożizzjoni iżotopika ta' din il-ġabra waqt iċ-ċiklar ta' nitroġenu kkważat mill-kultivazzjoni, qabel in-nitrifikazzjoni u l-lissija fl-ilma ta' taħt l-art sottostanti.

Sejba ewlenija oħra minn dan l-istudju kienet il-konferma tar-residenza fit-tul fiż-żona saturata tal-akwifers fil-livell tal-baħar (Mean Sea Level). Din għandha implikazzjonijiet importanti għal kwalunkwe relazzjoni bejn l-attivitajiet tal-preżent u l-konċentrazzjoni tal-ilma tal-pjan u għalhekk ma jidhirx li jista' jkun imfassal mudell realistiku. In-nuqqas ta' passaġġi li jwasslu l-ilma għal taħt l-art fi żmien qasir, mifruxa mill-wiċċ sal-*water table* (kif mifhum minn evidenza mikrobijoloġika) tissuġġerixxi li l-parti l-kbira tal-infiltrazzjoni tista' sseħħ permezz ta' fluss relattivament bil-mod fil-matriċi tal-akwifer. Fil-każ ta' ċerti siti, biex in-nitrati jimxu mill-wiċċ sal-punt fejn ikunu estratti jistgħu jieħdu numru ta' għexieren ta' snin,.

Għalhekk, anke li kieku l-applikazzjonijiet ta' nitroġenu fil-wiċċ kellhom jitwaqqfu kompletament, in-nitrati maħżuna fil-pori tal-formazzjoni tal-blat jaġixxu bħala sors sekondarju għal perjodu twil. Għaldaqstant, huwa improbabbli li l-kodiċijiet il-ġodda jwasslu għal tijib sinifikanti fil-kontenut tan-nitrati tal-ilma tal-pjan fiż-żewġ deċenji li ġejjin minħabba l-moviment bil-mod ta' ilma maħżun fil-pori tal-formazzjoni tal-blat fiż-żona mhux saturata.

### 2.4 Il-Bilanċ Gross ta' Nitroġenu għal Malta

Il-Bilanċ Gross ta' Nutrijenti (BGN) għan-nitroġenu jagħti indikazzjoni ta' ilma potenzjalment imniġġes u jidentifika dawk iż-żoni u sistemi agrikoli b'livelli għoljin ħafna ta' nitroġenu. L-indikatur jagħti estimu tal-potenzjal ta' nitroġenu żejjed fuq l-art agrikola. Dan isir billi jiġi kkalkulat il-bilanċ bejn in-nitroġenu miżjud mas-sistema agrikola u n-nitroġenu li jitneħħa mis-sistema għal kull ettaru ta' art agrikola. Peress li l-indikatur jinkorpora l-parametri agrikoli l-aktar importanti f'dak li għandu x'jaqsam man-nitroġenu potenzjalment żejjed, attwalment huwa l-aħjar miżura disponibbli kontra r-riskju ta' lissija ta' nutrijenti.

Il-BGN għal Malta kif rappurat mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika[9] huwa ta' 117 kg N / ett. Il-medjan tal-BGN (kg/ett) fl-Ewropa jammonta għal 47 kg/N kull ettaru, bl-aktar BGN għoli jinsab fl-Olanda b' 220 kg/N/ ett, u l-aktar wieħed baxx jinsab fil-Greċja b'BGN ta' 12 kg/N kull ettaru. Malta, b'117 kg/N kull ettaru, hija madwar darbtejn u nofs il-medjan tal-bilanċ gross tan-nitroġenu fl-Istati Membri (NSO, 2008).

Informazzjoni mill-istħarriġ fuq il-fertilizzanti, bħala parti mill-kalkolu tal-BGN, indikat illi kważi l-uċuħ tar-raba' kollha f'Malta huma fertilizzati żżejjed bin-nitroġenu. Ir-riżultati ta' dan l-istudju indikaw ukoll illi l-uċuħ tar-raba' li huma fertilizzati żżejjed bin-nitroġenu huma bi ħxejjex li jirrikjedu livell għoli ta' irrigazzjoni.




**Stampa 3: Il-Bilanċ ta' Nitroġenu f'uċuħ tar-raba' magħżula**

**Stampa 3**, hawn fuq, turi l-eċċess ta' fertilizazzjoni bin-nitroġenu fl-uċuħ tar-raba' studjati. It-tabella turi d-devjazzjonijiet mir-rekwiżiti massimi ta' nitroġenu għall-uċuħ tar-raba' (muri bħala 0 fil-graff). Pereżempju, fil-każ tad-dulliegħ, l-applikazzjoni ta' fertilizzant tan-nitroġenu jeċċedi l-400kg N/ett tar-rekwiżiti massimi tan-nitroġenu għall-uċuħ tar-raba'.

[9] Bilanċ Gross tan-Nitroġenu f'Malta 2007, Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika 2008.




**Stampa 4: Konformità mal-limitu ta' 170kgN/ett**

*Data* minn stħarriġ fuq il-fertilizzanti tindika wkoll illi l-limitu ta' 170 kg N/ett$^{-1}$sena$^{-1}$ stipulat f'Artiklu 5 tad-Direttiva dwar in-Nitrati qed jinqabeż kważi f'kull għalqa kkultivata b'uċuħ tar-raba' bi ħxejjex li jiġu irrigati. F'ċerti każijiet, il-limiti qed jinqabżu b'aktar minn 100% (**Stampa 4**). Is-sejbiet tal-istħarrig juru li l-applikazzjoni eċċessiva ta' nitroġenu u n-nuqqas ta' konformità mal-170 kg N ett$^{-1}$sena$^{-1}$ hija problema serja għall-art irrigata.

**L-iStampa 4** turi li l-fertilizzazzjoni bin-nitroġenu minn sorsi organiċi li jaqbżu l-limitu ta' 170 kg N/ett$^{-1}$sena$^{-1}$ fl-uċuħ tar-raba' li ġew studjati, kemm f'perċentwali u kif ukoll f'Kg N/ett. It-tabella turi devjazzjonijiet minn dan il-limitu (muri bħala 0 fil-graff). Pereżempju, fil-każ tad-dulliegħ, l-applikazzjoni ta' fertilizzant bin-nitroġenu taqbeż il-100% tal-limitu, ekwivalenti għall-eċċess ta' 'l fuq minn 200 kg N/ett/sena.

## 3.0 – Miżuri ta' Azzjoni dwar in-Nitrati

F'dan il-kapitlu kull miżura li hi mmirata biex tnaqqas it-tniġġis min-nitrati hija murija bħala para. (a); ir-raġuni għall-miżura hi murija bħala para. (b); filwaqt li l-implimentazzjoni u l-kontroll ta' din il-miżura huma murija bħala para (ċ).

Kull azzjoni li tittieħed biex tinżamm il-konformità ma' dan il-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati m'għandhiex tnaqqas mill-obbligi mitluba minn leġislazzjonijiet oħra.

| | |
|---|---|
| **3.1 Perjodi meta l-applikazzjoni ta' fertilizzanti fuq l-art hija projbita** | |
| 3.1(a)(i) | L-applikazzjoni ta' fertilizzanti organiċi mhix permessa bejn il-15 ta' Ottubru ta' kull sena u l-15 ta' Marzu tas-sena ta' wara. |
| 3.2(a)(ii) | L-applikazzjoni ta' fertilizzanti inorganiċi fuq kwalunkwe art u għalqa miftuħa mhix permessa bejn il-15 ta' Ottubru ta' kull sena u l-15 ta' Marzu tas-sena ta' wara:<br><br>Iżda l-applikazzjoni fuq l-art ta' fertilizzant inorganiku jista' jkun permess fil-każ ta' rekwiżit ta' nitroġenu dimostrabbli għall-uċuħ tar-raba', li jiġi avżat lit-Taqsima ta'Azzjoni dwar in-Nitrati. |
| **3.2 Rekwiżiti għall-mod ta' kif għandha ssir l-applikazzjoni tal-fertilizzanti fuq l-art** | |

3.2(a)(i) L-applikazzjoni ta' fertilizzanti organiċi fuq l-art mhix se tkun permessa meta:

- l-art tkun wieqfa ħafna, f'dak il-każ għandhom jitqiesu fatturi bħad-distanza li jkun hemm bejn il-passaġġi tal-ilma, il-kundizzjoni tal-ħamrija, l-uċuħ tar-raba' fuq il-ħamrija, kemm tkun għamlet xita, jew jekk ikunx hemm riskju sinjifikanti li jista' jikkawża t-tniġġis tal-ilma, dment li l-fertilizzant ma jkunx inkorporat eżatt meta ssir l-applikazzjoni;
- l-art tkun qiegħda jew tagħmilha b'tali mod probabbli li l-fertilizzant tan-nitroġenu jkun se jidħol direttament fil-passaġġ tal-ilma jew fl-ilma li jkun hemm f'xi strata taħt l-art.

| | |
|---|---|
| 3.2 (a) (ii) | Fin-nuqqas ta' għodda adegwata li tippermetti l-kwantifikazzjoni ta' ammonti futuri ta' nitroġenu preżenti fi kwalunkwe kwantità ta' ħama (*slurry*), u għalhekk l-inabilità li jiġi inkluż dan il-fertilizzant organiku bħala parti minn Pjan ta' |

| | |
|---|---|
| | Fertilizzazzjoni, l-applikazzjoni fuq l-art ta' ħama (*slurry*) m'għandhiex tkun permessa sakemm ma tiġix żviluppata t-tali għodda. |
| 3.2 (a) (iii) | M'għandhomx jiġu applikati fertilizzanti organiċi jew inorganiċi;<br>• f'kull tip ta' mogħdija tal-ilma ħelu;<br>• f'distanza ta' inqas minn 5m minn passaġġ tal-ilma naturali;<br>• f'distanza ta' inqas minn 5m minn nixxigħat, galleriji, spieri/*boreholes* u karatteristiċi ta' xquq fil-blat;<br>• f'distanza ta' inqas minn 30m minn spieri/*boreholes* użati għall-provvista pubblika tal-ilma;<br>• f'distanza ta' inqas minn 100m mill-kosta. |
| 3.2 (a) (iv) | Kull tip ta' fertilizzant minerali u organiku għandu jiġi mferrex b'mod uniformi fuq l-għalqa u għandu jiġi inkorporat fil-ħamrija kemm jista' jkun malajr. |
| **3.3 Miżuri dwar il-limiti tal-applikazzjoni ta' fertilizzanti fuq l-art** | |

| | |
|---|---|
| 3.3 (a) (i) | L-applikazzjoni ta' fertilizzanti organiċi u inorganiċi għandha tkun ibbażata fuq pjan ta' fertilizzazzjoni li jikkunsidra l-bilanċ ta' bejn in-nitroġenu tal-wiċċ tar-raba', il-preżenza ta' nitroġenu fil-ħamrija, kif ukoll il-provvista ta' nitroġenu fl-ilma użat għat-tisqija skond **Skeda I**. |

| | |
|---|---|
| 3.3 (a) (ii) | Il-fertilizzanti inorganiċi u organiċi għandhom jiġu applikati kemm jista' jkunu kmieni wara ż-żrigħ u, fejn ikun possibbli, l-applikazzjoni tal-fertilizzant/i hija rakkomandata li ssir b'mod gradwali. |
| 3.3 (a) (iii) | L-ammont ta' "nitroġenu totali" applikat mid-demel tal-bhejjem, inkluż il-ħmieġ tal-bhejjem stess li jkunu fuq dik l-art, ma għandux jaqbeż l-170 kg N/ett kull sena (**Skeda II**). |
| **3.4 Faċilitajiet għall-ħażna tad-demel tal-bhejjem** | |
| 3.4 (a) (i) | Il-qies tad-demmiela tal-azjenda agrikola għandu jkun kbir biżżejjed u adegwat sabiex jipprovdi għall-ħażna tad-demel tal-bhejjem kollha li tkun se tinħażen bejn il-15 ta' Ottubru ta' kull sena u l-15 ta' Marzu tas-sena ta' wara. |
| 3.4 (a) (ii) | Id-demel irid ikun maħżun f'demmiela li ma tnixxix, mgħottija u mqabbda ma' fossa. |

| | |
|---|---|
| 3.4 (a) (iii) | Il-fosos ma jridux ikunu jnixxu, mgħottijin u jridu jkunu kbar biżżejjed biex jiġbru l-awrina u l-ilma tal-ħasil għal mill-inqas 15-il ġurnata. |
| 3.4 (a) (iv) | Il-fosos u d-demmiela għandhom ikunu ċertifikati li ma jnixxux minn perit kull ħames snin jew wara xi alterazzjoni strutturali fl-azjenda jew fil-viċinanza immedjata tagħha. |
| **3.5 Il-mod u l-post tal-ħażna tad-demel fl-azjendi agrikoli** | |
| 3.5 (a) (i) | Id-demel tal-azjendi agrikoli (rziezet) jista' jinħażen fl-għalqa fejn ikun ser jitferrex sa limitu massimu ta' 120 ġurnata bejn is-16 ta' Marzu u l-14 ta' Ottubru, jekk il-kontenut ta' materjal xott ikun mill-inqas 30%. |
| 3.5 (a) (ii) | Meta d-demel ikun maħżun f'għalqa dan m'għandux ikun maħżun fl-istess post tal-għalqa fi snin konsekuttivi, imma għandu jinħażen f'munzell kumpatt u dawn il-munzelli m'għandhomx jitpoġġew eqreb minn:<br>• 20m minn passaġġi tal-ilma<br>• 30m madwar spiera/*borehole*, nixxiegħa jew bir<br>• 100m minn kull spiera użata/borehole għall-provvista pubblika tal-ilma<br>• 100m mill-kosta |
| **3.6 Miżuri relatati ma' Prattiċi ta' Ġestjoni tal-Art** | |
| 3.6 (a) (i) | Meta meħtieġ għandha tintuża n-newba. |
| 3.6 (a) (ii) | Azjendi agrikoli b'art saqwija li tkun akbar minn ettaru u li fiha tintuża s- sistema ta' kultivazzjoni irrigata, b'mod intensiv, għandu jkollhom Pjan għall-Ġestjoni tan-Nutrijenti. |
| **3.7 Miżuri relatati mal-Prattiċi ta' Ġestjoni tal-Azjendi Agrikoli** | |
| 3.7 (a) | L-azjendi agrikoli u l-mogħdijiet kollha minn fejn jgħaddu l-bhejjem għandhom ikunu mgħottija kif jixraq. |
| **4.1 Rekords dwar l-Użu tal-Fertilizzanti** | |
| 4.1 (a) | Min juża fertilizzanti organiċi u/jew inorganiċi għandu jkun reġistrat mal-awtorità kompetenti responsabbli min-Nitrati. |

| | |
|---|---|
| **4.2 Kors dwar il-Ġestjoni ta' Nutrijenti** | |
| 4.2 (a) | Min juża fertilizzanti organiċi jew inorganiċi se jkun mitlub li jattendi kors obbligatorju dwar l-użu tal-fertilizzanti. |
| **4.3 Rekords tal-Azjendi Agrikoli** | |
| 4.3 (a) | Għandhom jinżammu r-rekords f'kull azjenda agrikola u dawn ir-rekords għandhom ikunu disponibbli għall-ispezzjoni. |
| **4.4 Il-Kontroll tal-Bejgħ u ċ-Ċaqliq tal-Fertilizzanti** | |
| 4.4 (a) (i) | Kull bejgħ u xiri ta' fertilizzanti organiċi u inorganiċi għandu jkun notifikat lill-Awtorità Kompetenti responsabbli min-nitrati. |
| 4.4 (a) (ii) | L-importaturi, id-distributuri u l-bejjiegħa kollha tal-fertilizzanti għandhom jiġu rreġistrati mal-Awtorità Kompetenti. |

**3.1 Perjodi meta l-applikazzjoni ta' fertilizzanti fuq l-art hija projbita**

**3.1 (a) (i) Fertilizzanti organiċi:** L-applikazzjoni ta' fertilizzanti organiċi mhix ser tkun permessa bejn il-15 ta' Ottubru ta' kull sena u l-15 ta' Marzu tas-sena ta' wara fuq kull tip ta' art.

Fertilizzanti organiċi li jinkludu demel tal-azjendi agrikoli u demel likwidu m'għandhomx ikunu applikati fuq għelieqi miftuħa fil-perjodu ta' bejn il-15 ta' Ottubru u l-15 ta' Marzu tas-sena ta' wara.

**3.1 (a) (ii) Fertilizzanti inorganiċi:** L-applikazzjoni ta' fertilizzanti inorganiċi m'għandhiex tkun permessa bejn il-15 ta' Ottubru ta' kull sena u l-15 ta' Marzu tas-sena ta' wara fuq kull tip ta' art.

Il-fertilizzazzjoni inorganika mhix ser tkun permessa sakemm ma jiġix muri l-bżonn li l-wiċċ preżenti għandu bżonn il-fertilizzazzjoni. Din tista' tkun permessa wara li ssir notifika mill-bidwi lit-Taqsima ta' Azzjoni dwar in-Nitrati.

**3.1 (b)** Il-lissija ta' nitrati hija akbar fil-perjodu tax-xitwa. Il-parti l-kbira tax-xita f'Malta tinżel bejn Ottubru u Marzu, u l-ogħla medja ta' xita tinżel bejn Novembru u Jannar.

**3.1 (ċ)** Il-kontrolli ta' konformità se jsiru permezz ta' verifiki amministrattivi mid-*Database* Nazzjonali tan-Nitrati, permezz tal-kontrolli ta' rekords tal-azjendi agrikoli u mill-verifiki fuq il-post stess, fl-għelieqi u fl-azjendi agrikolit.

**3.2 Rekwiżiti għall-mod ta' kif għandha ssir l-applikazzjoni tal-fertilizzanti fuq l-art**

**3.2 (a) (i).** L-applikazzjoni ta' fertilizzanti organiċi fuq l-art m'għandhiex tkun permessa meta:

- l-art tkun wieqfa ħafna - f'dak il-każ għandhom jitqiesu fatturi bħad-distanza li jkun hemm bejn il-passaġġi tal-ilma, il-kundizzjoni tal-ħamrija, l-uċuħ tar-raba' fuq il-ħamrija, kemm tkun għamlet xita, jew jekk ikunx hemm riskju sinjifikanti li jista' jikkawża t-tniġġis tal-ilma, dment li l-fertilizzant ma jkunx inkorporat eżatt meta ssir l-applikazzjon

- l-art tkun qiegħda jew tagħmilha b'tali mod probabbli li l-fertilizzant tan-nitroġenu jkun se jidħol direttament fil-passaġġ tal-ilma jew fl-ilma li jkun hemm f'xi strata taħt l-art;

**3.2 (a) (ii)** Fin-nuqqas ta' għodda adegwata li tippermetti l-kwantifikazzjoni ta' ammonti futuri ta' nitroġenu preżenti fi kwalunkwe kwantità ta' ħama (*slurry*), u għalhekk l-inabilità li jiġi inkluż dan il-fertilizzant organiku bħala parti minn Pjan ta' Fertilizzazzjoni, l-applikazzjoni fuq l-art ta' ħama (*slurry*) m'għandhiex tkun permessa sakemm ma tiġix żviluppata t-tali għodda.

**3.2 (a) (iii)** Il-fertilizzanti organiċi jew inorganiċi m'għandhomx jiġu applikati:

- f'kull tip ta' mogħdija tal-ilma ħelu;
- f'distanza ta' inqas minn 5m minn passaġġ tal-ilma naturali;
- f'distanza ta' inqas minn 5m minn nixxigħat, galleriji, spieri/*boreholes* u karatteristiċi ta' xquq fil-blat;
- f'distanza ta' inqas minn 30m minn spieri/*boreholes* użati għall-provvista pubblika tal-ilma;
- f'distanza ta' inqas minn 100m mill-kosta.

**3.2 (a) (iv)** Kull tip ta' fertilizzant minerali u organiku għandu jkun imqassam b'mod uniformi fuq l-għalqa u għandu jiġi inkorporat fil-ħamrija kemm jista' jkun malajr.

**3.2 (b)** Ir-riskju ta' telf ta' nutrijenti minn skulatura tal-wiċċ tiżdied mal-intensità tax-xita. Il-grad u t-tul tal-pendil huma żewġ karatteristiċi essenzjali tat-topografija relatati mal-iskulatura. L-iskulatura tiżdied meta l-angolu tal-art ikun ogħla minn 5%. Madankollu, għall-iskop tad-Direttiva dwar in-Nitrati, huwa rakkomandat li l-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati jistabbilixxi pendil ta' 7% bħala pendil massimu għall-applikazzjoni ta' fertilizzanti. Id-distanza minn passaġġi tal-ilma naturali, nixxigħat u spieri/*boreholes* ta' art fejn hi prattikata l-applikazzjoni ta' fertilizzanti nitroġenużi,żżid ir-riskju ta' kontaminazzjoni.

**3.2 (ċ)** Il-fertilizzanti nitroġenużi (li jikludu demel organiku, fertilizzanti minerali u demel likwidu) m'għandhomx ikunu applikati, fuq l-ebda tip ta' passaġġ tal-ilma ħelu, fuq art li għandha pendenza wieqfa ħafna, meta tqis fatturi bħad-distanza minn passaġġi tal-ilma, il-kundizzjoni tal-ħamrija, il-kopertura tal-art u x-xita, u meta jkun hemm riskju sinjifikanti li jikkawża tniġġis tal-ilma sakemm ma jiġix inkorporat immedjatament wara li jitferrex, b'distanza minima minn korsiji tal-ilma naturali, nixxigħat, spieri u l-kosta.

L-applikazzjoni ta' fertilizzanti nitroġenużi m'għandhiex issir fejn tinsab l-art jew b'mod li bih ikun aktar probabbli li l-fertilizzant nitroġenu jidħol direttament f'passaġġi tal-ilma jew f'ilma li jkun jinsab fi strata taħt l-art. Kull tip ta' fertilizzant minerali u organiku għandu jkun distribwit b'mod uniformi fuq l-għalqa u għandu jkun inkorporat fil-ħamrija fi '24 siegħa.

Il-kontrolli ta' konformità għandhom isiru permezz ta' verifiki amminsitrattivi u bi spezzjonijiet fl-għalqa ħalli ssir verifika b'mod viżwali għal fdalijiet ta' fertilizzant/demel organiku, u fejn hemm bżonn billi ssir analiżi tal-ħamrija.

### 3.3 Miżuri dwar il-limiti tal-applikazzjoni ta' fertilizzanti fuq l-art

**3.3 (a) (i)** L-applikazzjoni ta' fertilizzanti inorganiċi u organiċi għandha tkun ibbażata fuq l-ippajnar tal-fertilizzazzjoni li jqis il-bilanċ ta' bejn ir-rekwiżiti ta' nitroġenu previdibbli tal-uċuħ tar-raba' u l-preżenza ta' nitroġenu lill-uċuħ tar-raba' mill-ħamrija, mill-ilma u mill-fertilizzazzjoni skond l-**Anness II**.

**3.3 (a) (ii)** Il-fertilizzanti inorganiċi u organiċi għandhom ikunu applikati ftit wara ż-żrigħ u l-applikazzjoni gradwali ta' dawn il-fertilizzanti, meta possibbli, hija rakkommandata.

**3.3 (a) (iii)** L-ammont ta' "nitroġenu totali" applikat mid-demel tal-bhejjem inkluż ħmieġ mill-bhejjem infushom, m'għandux jeċċedi l-170 kg N/ett fis-sena (**Anness III**).

**3.3 (b)** L-ammont ta' lissija ta' nitrati jiddependi mill-ammont ta' nitrati preżenti fil-ħamrija, mill-ammont li hu mineralizzat u mill-ammont ta' drenaġġ. L-applikazzjoni ta' aktar nitroġenu milli hemm bżonn mill-wiċċ tar-raba' żżid il-konċentrazzjoni ta' nutrijenti fil-ħamrija u konsegwentement iżżid il-livelli ta' nutrijenti u l-lissija.

L-applikazzjoni ta' fertilizzanti għandha tkun ippjanata sabiex jintlaħaq assorbiment massimu mill-pjanti, biex b'hekk jitnaqqas it-telf ta' nutrijenti fl-ambjent. Iż-żmien ideali hu affettwat mis-solubilità (mobilità) tan-nutrijent jew tal-fertilizzant użat, l-istadju tal-uċuħ tar-raba' u r-rata ta' tkabbir (u għalhekk id-domanda tiegħu għal nutrijenti) u l-kapaċità li l-ħamrija żżomm in-nutrijenti. L-ammont ta' xita u/jew l-irrigazzjoni għandhom ikunu kkunsidrati.

Jekk l-applikazzjoni tal-fertilizzant issir kmieni wisq, qabel dan ikun meħud mill-pjanti, jista' ikun hemm telf ta' nutrijenti. Għaldaqstant huwa importanti ħafna li n-nutrijenti li huma mobbli ħafna jkunu applikati fi żmien meta l-pjanti jkunu qed jikbru b'mod attiv sabiex ma jkunx hemm telf fl-ambjent bejn l-applikazzjoni u l-assorbiment mill-pjanti, u b'hekk jiżdied il-qligħ mill-investiment.

**3.3 (ċ)** L-applikazzjoni ta' fertilizzanti (organiċi u minerali) għandha tkun ibbażata fuq pjan ta' fertilizzanti, u għandha tindika l-bżonn ta' nutrijenti għall-uċuħ tar-raba', in-nutrijenti disponibbli fil-ħamrija u fl-ilma għall-irrigazzjoni, u n-nutrijenti l-oħra li għandhom ikunu pprovduti mid-demel organiku u minn fertilizzanti minerali, jekk hemm. Eżempju ta' kif tikkalkula l-bilanċ tan-nitroġenu jingħata fl-**Anness IV**. Il-provvista ta' nitroġenu mid-demel tal-bhejjem, inkluż mill-ħmieġ tal-bhejjem infushom, m'għandux ikun aktar minn 170kg N/ett fis-sena. Il-pjan tal-fertilizzanti għandu jipprovdi rakkomandazzjonijiet fuq l-ippjanar tajjeb tal-applikazzjoni tal-fertilizzanti. Il-pjan tal-fertilizzar għandu jkun magħmul għall-uċuħ tar-raba' kkultivati kollettivament fuq art ta' iżjed minn 200m$^2$. Madanakollu, f'dan il-każ il-bidwi għandu xorta jibbaża l-applikazzjoni tal-fertilizzanti skond il-limiti stipulati fir-Regolamenti dwar Programm ta' Azzjoni dwar in-Nitrati.

L-istandards għall-applikazzjoni tan-nitroġenu għandhom ikunu bbażati fuq rakkomandazzjonijiet xjentifiċi dwar il-fertilizzazzjoni u r-rekwiżiti tal-uċuħ tar-raba' u għandhom jindikaw liema dożi huma l-aħjar minn perspettiva agronomika u ekonomika. Il-pjanijiet ta' fertilizzar għandhom isiru minn Agronomisti jew Konsulenti Tekniċi rikonoxxuti mill-Awtorità Kompetenti responsabbli mill-użu tan-nitrati fl-agrikoltura.

Il-kontrolli ta' konformità għandhom isiru primarjament permezz ta' verifiki amminstrattivi mid-*Database* Nazzjonali tan-Nitrati u mir-Reġistru tal-Artijiet, sostenut minn verifiki oħra li jkun hemm bżonn. Is-sistema għandha tidentifika bdiewa fir-riskju billi tidentifika l-użu eċċessiv ta' fertilizzanti organiċi u minerali. Il-kontrolli fuq il-post għandhom jintużaw sabiex ikun verifikat li l-applikazzjoni tal-fertilizzanti tkun ibbażata fuq pjan ta' fertilizzar maħruġ minn konsulent rikonoxxut u li r-rekords tal-azjendi agrikoli ikunu qed jinżammu.

### 3.4 Faċilitajiet għall-ħażna tad-demel tal-bhejjem

**3.4 (a) (i)** Il-kapaċità tal-faċilitajiet għall-ħażna tad-demel tal-bhejjem ta' azjenda għandha tkun biżżejjed u adegwata sabiex tipprovdi għall-ħażna tad-demel tal-bhejjem kollu li x'aktarx ikollu jiġi maħżun bejn il-15 ta' Ottubru u l-15 ta' Marzu tas-sena ta' wara..

**3.4 (a) (ii)** Id-demel għandu jkun maħżun f'demmiela mgħottija li ma tnixxix u li tkun imqabbda ma' fossa.

**3.4 (a) (iii)** Il-fosos tad-drenaġġ ma jridux ikunu jnixxu, iridu jkunu mgħottija u jridu jkunu kbar biżżejjed sabiex jiġbru l-awrina u l-ilma tal-ħasil ta' mill-inqas 15-il jum.

**3.4 (a) (iv)** Il-fosos tad-drenaġġ u d-demmiela għandhom ikunu ċertifikati minn perit li ma jnixxux. Din iċ-ċertifikazzjoni għandha ssir kull ħames snin jew wara xogħlijiet strutturali fl-azjenda jew fil-viċinanza immedjata tagħha.

**3.4 (b)** Hu importanti li din il-ħażna ssir b'mod responsabbli sabiex jiġi mħares l-ambjent lokali mill-effetti ħżiena li jista' jkollha 'skulatura' mid-demel jekk titħalla tidħol f'passaġġi tal-ilma jew fl-ilma tal-pjan. Il-ħażna tippermetti li n-nutrijenti fid-demel ikunu applikati fuq l-uċuħ tar-raba' fiż-żmien addattat fiċ-ċiklu tat-tkabbir. Il-ħażna tippermetti wkoll li d-demel jinżamm meta l-applikazzjoni tiegħu tkun projbita.

L-għata tad-demmiela tipprevjeni d-dħul tal-ilma tax-xita u l-produzzjoni tad-demel imxarrab u ta' ilma maħmuġ. B'hekk tnaqqas il-possibilità ta' tniġġis. Id-demmiela għandha ssir b'tali mod li ma tkunx tnixxi u għandu jkollha bażi tal-konkos sabiex tkun evitata l-lissija li tista' tikkawża t-tniġġis tal-madwar u tal-ilma ta' taħt l-art. Il-fosos ma għandhomx ikunu jnixxu sabiex ikun evitat it-telf tan-nutrijenti.

Kull faċilitàjiet mibnija sabiex jiżguraw konformità ma dan il-Programm ta' Azzjoni dwar in-Nitrati għandu jsir skond kull leġislazzjoni rilevanti dwar l-ambjent u l-ippjanar.

**3.4 (ċ)** Il-faċilitajiet għall-ħażna tad-demel tal-bhejjem tal-azjenda agrikola (razzett) għandhom ikunu kbar biżżejjed sabiex jinħażen id-demel kollu li jipproduċu dawk l-bhejjem f'dik l-azjenda stess bejn il-15 ta' Ottubru u l-15 ta' Marzu. Il-kapaċità għall-ħażna tad-demel tal-bhejjem ta' azjenda għandha tkun ikkalkulata billi jkunu kkunsidrati l-prattiċi agrikoli li ġejjin:

- in-numru, it-tip u l-età tal-bhejjem preżenti fl-azjenda agrikola;
- il-kwantità prodotta ta' demel tal-azjenda agrikola (razzett);
- kull materjal solidu estratt mid-demel likwidu minbarra dak tal-ħnieżer, permezz ta' separaturi tad-demel likwidu;
- ħażna addizzjonali disponibbli barra mill-azjenda agrikola inkluż xi ftehim ma' azjendi oħra;
- xi kuntratt validu li l-azjenda għandha ma' faċilitajiet għall-ipproċessar tad-demel.

Il-kalkolu tal-ħtieġa għall-kapaċità tal-ħażna għandu jsir skond l-**Anness V**.

Id-demel jew il-ħama (*slurry*) m'għandux ikun maħżun taħt il-bhejjem iżda għandu jinżamm barra f'demmiela addattata li ma tnixxix u/jew f'fossa. Id-demmiela għandha tkun mgħottija u mibnija bi tliet ħitan għolja bl-inqas *surface volume ratio* possibbli. L-art tad-demmiela għandu jkollha grad ta' pendil għoli sabiex jiffaċilita s-separazzjoni u l-ġbir ta' fluwidi li jintremew f'fossa għall-ġbir tal-fluwidi. Dan m'għandux japplika għat-trobbija ta' ovini u kaprini mrobbija fuq sistemi *deep-litter*.

Is-separazzjoni mekkanika għandha tkun ikkunsidtrata f'azjendi agrikoli kbar tal-bhejjem biex titnaqqas il-kapaċità tal-ħażna li hemm bżonn fil-fażi solida. Id-demmiela u l-fossa għandhom ikunu ċertifikati minn perit li ma jnixxux.

Il-verifika tal-konformità ssir permezz ta' *cross-checks* amminstrattivi mad-*Database* Nazzjonali tal-Bhejjem u d-*Database* Nazzjonali tan-Nitrati, issupplimentata minn verifiki oħra kif ikun hemm bżonn. Il-kwantità ta' demel prodott f'kull azjenda agrikola tista' tkun ikkalkulata mid-DNN minn informazzjoni mid-*Database* Nazzjonali tal-Bhejjem. Waqt il-*cross-checks*, il-kwantità ta' demel prodott fl-azjenda agrikola tiġi mqabbla mal-kapaċità tal-ħażna disponibbli. Il-verifiki fuq il-post iservu biex ikun aċċertat li d-demel prodott qed jiġi fil-fatt maħżun fid-demmiela, li l-faċilitajiet tal-ħażna huma konformi mar-regolamenti, u li ma hemm l-ebda telf ta' nutrijenti fl-ambjent.

### 3.5 Il-mod u l-post tal-ħażna tad-demel fl-azjendi agrikoli

**3.5 (a) (i)** Id-demel tal-azjendi agrikoli jista' jinħażen fl-għalqa fejn tkun se ssir l-applikazzjoni fuq l-art sa limitu massimu ta' 120 jum bejn is-16 ta' Marzu u l-14 ta' Ottubru jekk il-kontenut ta' materjal xott ikun mill-inqas 30%.

**3.5 (a) (ii)** Meta d-demel tal-azjendi agrikoli ikun maħżun f'għalqa, dan m'għandux ikun maħżun fl-istess post tal-għalqa fi snin konsekuttivi. Għandu jinħażen f'munzell kumpatt u dawn il-munzelli m'għandhomx jitpoġġew eqreb minn:

- 20m minn passaġġi tal-ilma;
- 30m madwar spiera/*borehole*, għajn jew bir;
- 100m minn spieri/*borehole* użati għall-provvista pubblika tal-ilma;

- 100m mill-kosta.

**3.5 (b)** Id-demel jista' jkun ikkunsidrat bħala kontaminant jekk jiġi f'kuntatt mal-ilma tal-wiċċ jew mal-ilma tal-pjan. Għalhekk għandu jitpoġġa f'post addattat tul il-ħażna temporanja f'għelieqi miftuħa. Ix-xita tista' tikkawża tnixxija ta' ilma mniġġes minn demel maħżun barra li tista' tkun ta' theddida ta' kontaminazzjoni għall-ilma tal-wiċċ u tal-pjan.

**3.5 (ċ)** Il-ħażna tad-demel tal-azjendi agrikoli fl-għelieqi hija permessa biss għal limitu massimu ta' 120 jum matul il-perjodu ta' bejn is-16 ta' Marzu u l-14 ta' Ottubru, iżda l-kontenut ta' materjal xott tad-demel għandu jkun mill-inqas 30%. Id-demel tal-azjendi agrikoli ma għandux ikun maħżun fl-istess post tal-għalqa fi snin konsekuttivi u għandu jinżamm f'munzell u 'l bogħod minn korsiji tal-ilma, spieri, nixxigħat, bjar u l-kosta.

Il-kontrolli ta' konformità għandhom isiru permezz ta' verifiki fuq il-post sabiex ikun żgurat li d-demel tal-azjendi agrikoli ma jkunx maħżun f'għelieqi miftuħa fil-perjodu magħluq (ta' bejn il-15 ta' Ottubru u l-15 ta' Marzu). Permezz tal-verifiki fuq il-post, l-ispetturi jkunu jistgħu jiżguraw li meta d-demel jinħażen fuq barra, id-distanzi minimi speċifikati fir-regolamenti jkunu qed jiġu rispettati u li fl-għelieqi jinħażen biss demel li jkollu iżjed minn 30% tal-kontenut tiegħu xott.

### 3.6 Miżuri relatati mal-Prattiċi tal-Ġestjoni tal-Art

**3.6 (a) (i)** Ir-rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba' għandha tkun prattikata meta meħtieġ.

**3.6 (a) (ii)** L-azjendi agrikoli li jkollhom art li tkun akbar minn ettaru u b'kultivazzjonijiet irrigati, b'mod intensiv, għandu jkollhom Pjan għall-Ġestjoni tan-Nutrijenti. Sabiex ikun żgurat bilanċ fin-nutrijenti tal-ħamrija jkun regolat, l-bdiewa kollha u se jintalbu jagħmlu analiżi tal-ħamrija fl-art tagħhom mill-inqas darba kull 3 snin.

**3.6 (b)** Il-legumi jħallu kwantitajiet kbar ta' nitroġenu fil-ħamrija, li jista' jintilef jekk ma jkunx hemm wiċċ li jassorbih. Il-kultivazzjonijiet ta' kopertura u l-uċuħ tar-raba' li jirrikjedu ħafna nitroġenu, inaqqsu l-konċentrazzjoni ta' nutrijenti fil-ħamrija u jnaqqsu wkoll il-lissija tan-nitrati fil-perjodu tax-xita.

Il-Pjan għall-Ġestjoni tan-Nutrijenti (PĠN) huwa pjan bil-miktub li jiddeskrivi kif in-nutrijenti primarji tal-pjanti ser ikunu ġestiti. Il-pjan għall-ġestjoni tan-nutrijenti għandu l-għan li jtejjeb il-produzzjoni u jżid il-valur tal-profitt mill-użu tan-nutrijenti filwaqt li jkunu evitati jew minimizzati l-effetti ħżiena fuq l-ambjent.

**3.6 (ċ)** Il-bdiewa jew il-ġesturi tal-art għandhom jagħmlu u jżommu pjan tal-uċuħ tal-azjenda tagħhom. Ir-rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba' trid tkun prattikata b'tali mod li tkun ikkunsidrata l-ħtieġa ta' nutrijenti għal uċuħ partikolari.

L-uċuħ imkabbra fuq raba' saqwi għandhom it-tendenza li jkunu ffertilizzati żżejjed bin-nitroġenu. L-azjendi agrikoli b'art akbar minn ettaru jridu jippreparaw Pjan għall-Ġestjoni tan-Nutrijenti (PĠN) għall-azjenda tagħhom fi żmien sentejn mill-pubblikazzjoni ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati. Il-PĠN għandu jiddeskrivi kif in-nutrijenti ewlenin tal-pjanti (in-nitroġenu, il-fosfru u l-potassju) ser ikunu ġestiti. Il-PĠN għandu jkopri l-ġestjoni taż-żona kollha minn min jikkultiva l-art u għandu jkun maħruġ minn agronomisti rreġistrati.

Il-PĠN jrid:

- jiżgura li l-ġestjoni tan-nutrijenti tilħaq ir-rekwiżiti legali kollha;
- jinkludi baġit ta' nutrijenti li jikkompara d-dħul mis-sorsi mal-ħruġ ta' nutrijenti;
- jilħaq tibdil mixtieq fil-livelli ta' nutrijenti u l-produzzjoni (pereżempju żieda fil-fertilità tal-ħamrija minn bażi fqira sabiex issostni kapaċità ogħla, bidla fl-istat tan-nutrijenti tal-ħamrija sabiex ikunu addattati għal uċuħ tar-raba' li jkunu ser jitħawlu);
- inaqqas l-ispiża tal-provvista ta' nutrijenti u jevita l-infiq moħli fuq nutrijenti mhux neċessarji jew mhux użati;
- inaqqas ir-riskju ta' ħsara lill-ambjent;
- jikkunsidra l-għanijiet personali tal-bdiewa jew l-ġestur tal-art.

Linji gwida sabiex tagħmel PĠN adegwat hu mogħti fl-**Anness VI**.

Il-kontrolli ta' konformità għandhom isiru permezz ta' spezzjonijiet fl-għelieqi sabiex ikun verifikat li l-bdiewa jkunu qegħdin iżommu pjan tal-uċuħ tal-azjenda u jkunu qed jipprattikaw rotazzjoni

tal-uċuħ tar-raba'. Id-disponibilità u l-konformità mal-Pjan għall-Ġestjoni tan-Nutrijenti ikunu verifikati fiżikament.

### 3.7 Miżuri relatati mal-Prattiċi tal-Ġestjoni tal-Azjendi Agrikoli

**3.7 (a)** L-azjendi agrikoli (irziezet) u l-mogħdijiet minn fejn jgħaddu l-bhejjem għandhom ikunu mgħottija b'mod adegwat.

**3.7 (b)** L-għata tnaqqas l-ammont ta' ilma maħmuġ iġġenerat li jkun irid jiġi miġbur u maħżun. L-għata tipprevjeni ukoll it-tniġġis ambjentali ta' baħar fil-viċin, widien jew ilma ta' taħt l-art u t-tnaqqis għall-minimu possibbli tat-tniġġis tal-arja.

**3.7 (ċ)** L-azjendi agrikoli u l-mogħdijiet minn fejn jgħaddu l-bhejjem għandhom ikunu mibnija b'mod li jiżguraw li l-iskulaturi ta' ilma maħmuġ jiġu interċettati u miġbura f'fossa li ma tnixxix.

Il-kontrolli ta' konformità għandhom isiru permezz ta' verifiki fuq il-post sabiex jiġi żgurat li l-bini tal-azjenda agrikola hu konformi mal-istandards rikjesti u li ma hemmx ħruġ ta' ilma maħmuġ mill-azjenda.

## 4.0 – Iż-Żamma ta' Rekords u l-Monitoraġġ tal-Konformità

F'dan il-Kapitlu kull azzjoni hija intiża sabiex tgħin lill-bdiewa u r-raħħala jikkontrollaw l-applikazzjoni ta' fertilizzant nitroġenu u biex jassistu fil-konformità mal-miżuri misjuba f'Kapitlu 3, u kull azzjoni hi mmarkata bħala para. (a), ir-raġuni għal tali miżura hi mmarkata bħala para. (b) u l-implimentazzjoni u l-kontroll għal tali miżura huma mmarkati bħala para (ċ).

### 4.1 Rekords dwar l-Użu tal-Fertilizzanti

**4.1 (a)** Min jagħmel użu minn fertilizzanti organiċi u/jew inorganiċi għandu jkun reġistrat mal-Awtorità Kompetenti responsabbli min-Nitrati.

**4.1 (b)** Ir-reġistrazzjoni għandha tipprovdi kontroll aħjar fuq l-użu ta' dawn it-tip ta' fertilizzanti.

**4.1 (ċ)** L-Awtorità Kompetenti responsabbli min-Nitrati għandha żżomm reġistru ta' min qed jikkultiva l-art u l-azjendi agrikoli li jużaw il-fertilizzanti organiċi jew inorganiċi. L-użu tal-fertilizzanti għandu jkun permess biss lil dawk reġistrati li jkunu kisbu ċ-ċertifikazzjoni meħtieġa. Il-bejgħ jew it-tqassim ta' demel organiku għandu jkun kopert b'irċevuti jew b'noti ta' kunsinna.

Il-monitoraġġ ta' konformità għandu jsir permezz ta' *cross-checks* amministrattivi mad-*Database* Nazzjonali tan-Nitrati.

### 4.2 Kors dwar il-Ġestjoni tan-Nutrijenti

**4.2 (a)** Kull min jagħmel użu minn fertilizzanti organiċi jew inorganiċi għandu jintalab jattendi kors obbligatorju dwar l-użu tal-fertilizzanti.

**4.2 (b)** Peress li l-applikazzjoni żejda ta' fertilizzanti hi primarjament relatata man-nuqqas ta' għarfien u edukazzjoni tal-bidwi, it-taħriġ għandu jkun obbligatorju.

**4.2 (ċ)** Il-bdiewa għandhom ikunu obbligati li jattendu kors approvat mill-Awtorità Kompetenti dwar l-użu tal-fertilizzanti.

L-Awtorità Kompetenti għandha tkun notifikata dwar l-attendenza għall-kors u għandha toħroġ ċertifikazzjoni lil kull bidwi f'dan ir-rigward. In-nuqqas ta' tali ċertifikazzjoni għandu jipprojbixxi lil bidwi inkwestjoni milli juża jew jixtri fertilizzanti.

Il-verifika ta' konformità issir permezz ta' *cross-checks* mad-*Database* Nazzjonali tan-Nitrati.

**4.3 Rekords tal-Azjendi Agrikoli**

**4.3 (a)**Ir-rekords għandhom jinżammu fuq kull azjenda agrikola u għandhom ikunu disponibbli għall-ispezzjoni.

**4.3 (b)** Ir-rekords jipprovdu informazzjoni fuq il-ġestjoni tal-azjendi agrikoli, l-użu ta' fertilizzanti organiċi u inorganiċi kif ukoll konformità mal-istandards rikjesti. Is-sistema tajba taż-żamma tar-rekords tista' tgħin sabiex ikun żgurat li l-applikazzjoni tad-demel fuq l-art tuża b'mod effiċjenti n-nutrjenti li jkun fih id-demel u fl-istess ħin ikun protett l-ilma ta' taħt l-art u tal-wiċċ. Barra minn hekk, rekords tajbin huma evidenza ta' ġestjoni tajba.

**4.3 (ċ)** Ir-rekords għandhom jinżammu sabiex l-informazzjoni li ġejja tkun tista' tiġi aċċertata fuq bażi annwali:

- il-bidwi għas-sena tal-kalendarju inkwestjoni;
- it-total tal-art agrikola inkluż id-daqs u l-lokazzjoni ta' kull għalqa;
- ir-reġimi tal-uċuħ u z-zoni individwali tagħhom;
- in-numru ta' bhejjem miżmuma fl-azjenda, l-ispeċi tagħhom u t-tip, u t-tul ta' żmien li fih inżammu fl-azjenda;
- il-kapaċità ta' ħażna tad-demel tal-bhejjem u fejn applikabbli d-dettalji ta' kiri tal-ħażna, il-produzzjoni ta' demel, is-separazzjoni tad-demel, id-dettalji ta' xi kirja jew ftehim kuntrattwali;

- il-kwantità ta' kull tip ta' fertilizzant nitroġenu miġjub jew imneħħi mill-azjenda, l-ammont ta' kull tip ta' fertilizzant applikat, il-kontenut tan-nutrijenti tal-fertilizzant inorganiku, il-lokalità fejn użata; u
- id-data taċ-ċaqliq tad-demel organiku, l-isem u l-indirizz tad-destinatarju, il-kunsinnatarju u xi terza persuna li ġġorr id-demel.

Ir-rekords għandhom ikunu preparati għal kull azjenda, għal kull sena kalendarja sat-30 ta' Ottubru tas-sena ta' wara u għandhom jinżammu għal perjodu ta' 5 snin minn dik id-data. L-irċevuti tal-fatturi u n-noti ta' kunsinna għandhom ikunu miżmuma wkoll. Ir-rekords tal-azjendi agrikoli għandhom jaqblu mal-informazzjoni rrekordjata fid-DNN.

Il-mudelli tar-rekords tal-azjendi agrikoli jinsabu fl-**Anness VII**.

Il-kontrolli ta' konformità għandhom isiru permezz ta' verifiki fuq il-post sabiex ikun żgurat li r-rekords ikunu qed jinżammu u jkunu jistgħu jitqabblu mad-*Database* Nazzjonali tan-Nitrati.

### 4.4 Il-Kontroll tal-Bejgħ u ċ-Ċaqliq tal-Fertilizzanti

**4.4 (a) (i)** Il-bejgħ u x-xiri kollu ta' fertilizzanti organiċi u inorganiċi għandu jkun notifikat lill-Awtorità Kompetenti responsabbli għan-Nitrati.

**4.4 (a) (ii)** L-importaturi, d-distributuri u l-bejjiegħa tal-fertilizzanti jridu jkunu reġistrati mal-Awtorità Kompetenti.

**4.4 (b)** Ir-reġistrazzjoni u l-monitoraġġ tal-bejgħ u x-xiri ta' fertilizzanti organiċi u inorganiċi jipprovdu kontroll aktar effettiv fuq l-użu ta' fertilizzanti nitroġenużi.

**4.4 (ċ)** Il-bejgħ jew iċ-ċaqliq ta' demel tal-bhejjem minn u għall-azjendi agrikoli għandu jkun notifikat lill-Awtorità Kompetenti responsabbli min-nitrati, mill-produttur, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ottubru ta' kull sena.

Il-bejgħ u x-xiri ta' fertilizzanti kimiċi għandu jkun irrekordjat u nnotifikat lill-Awtorità Kompetenti responsabbli min-nitrati sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ottubru ta' kull sena. L-importazzjoni ta'

fertilizzanti kimiċi u/jew organiċi mill-utenti tal-art għandha tkun notifikata lill-Awtorità Kompetenti sa mhux aktar tard mit-30 ta’ Ottubru ta’ kull sena.

Il-monitoraġġ tal-konformità għandu jsir permezz ta’ kontrolli amminstrattivi mad-*Database* Nazzjonali tan-Nitrati.

## 5. Infurzar tal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati

---

### 5.1 Funzjonijiet, Setgħat u Dmirijiet tal-Awtorità Kompetenti

Id-Dipartiment tal-Agrikoltura se jkun l-Awtorità Kompetenti responsabbli mill-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati (PAN). Id-Dipartiment se jkun ukoll responsabbli mill-kampanja ta' informazzjoni dwar l-obbligazzjonijiet li joħorġu mill-PAN lill-industrija tal-agrikoltura u tal-biedja u li jirrapporta fuq l-implimentazzjoni tal-PAN.

L-Awtorità Kompetenti għandha tistabbilixxi Taqsima ta' Azzjoni dwar in-Nitrati bl-infrastruttura amministrattiva meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati. Din it-Taqsima għandu jkollha biżżejjed riżorsi umani, finanzjarji u riżorsi oħra (inkluż l-aċċess għal *databases* nazzjonali) biex tkun f'pożizzjoni li tilħaq l-obbligazzjonijiet tagħha. Ir-riżorsi umani huma probabbilment l-aktar riżorsa importanti li se tiddetermina l-abilità li l-PAN ikun operat b'mod effettiv.

It-Taqsima ta'Azzjoni dwar in-Nitrati se ssaħħaħ il-bażi ta' għarfien nazzjonali billi:

- Isiru studji fuq il-kwalità tad-demel, il-kontenut ta' nitroġenu fil-ħamrija;
- Billi jissaħħaħ u jkun ġestit in-netwerk ta' sorveljanza tal-monitoraġġ tal-ħamrija u tissaħħaħ il-kollaborazzjoni mal-MRA u mal-MEPA għall-monitoraġġ tal-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art sabiex ikun hemm sinerġija taż-żewġ netwerks ta' monitoraġġ;
- Iż-żamma ta' *database* sabiex ikun monitorat it-tibdil fl-agrikoltura f'termini ta' azjendi agrikoli (rziezet), l-applikazzjoni tad-demel u l-analiżi tal-ħamrija u tad-demel.

### 5.2 *Database* Nazzjonali tan-Nitrati (DNN)

L-Awtorità Kompetenti għandha żżomm *database* nazzjonali tan-nitrati li jkun fiha l-informazzjoni li ġejja;

- Bdiewa reġistrati li qegħdin jagħmlu użu mill-fertilizzanti;

- Attendenza għat-taħriġ obbligatorju;
- Informazzjoni fuq l-azjendi agrikoli ta' dawk li jikkultivaw l-art (rabta mal-LPIS);
- Informazzjoni fuq l-azjendi agrikoli tal-bhejjem, il-faċilitajiet ta' ħażna tad-demel u r-rabta mad-*Database* Nazzjonali tal-Bhejjem;
- Informazzjoni fuq il-prattiċi tal-manteniment tal-art;
- Informazzjoni fuq il-pajsaġġ, it-tipi ta' ħamrija, is-sorsi u l-passaġġi tal-ilma;
- Informazzjoni fuq il-bejgħ u ċ-ċaqliq tad-demel tal-bhejjem;
- *Data* fuq il-bejgħ u x-xiri ta' fertilizzanti kimiċi;
- Informazzjoni fuq kontrolli mwettqa minn awtoritajiet oħra;
- Riżultat ta' monitoraġġ u kontrolli;
- Lista ta' konsulenti u esperti tekniċi;
- Lista tat-trasportaturi tad-demel.

Id-*database* tkun tipprovdi l-ġbir integrat ta' *data* kkonsolidata f'fond komuni, għall-organizzazzjoni, il-ġbir, il-manteniment u l-irkupru ta' informazzjoni. Id-DNN ser ikollha rwol importanti fil-ġestjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati. Is-sistema se tkun tipprovdi għall-monitoraġġ u l-kontroll effettiv u se tkun użata biex isiru dawn il-kontrolli:

- Identifikazzjoni tal-utenti mhux reġistrati;
- Identifikazzjoni tal-bdiewa li jeċċedu l-limiti stabbiliti għall-applikazzjoni tad-demel;
- Identifikazzjoni tal-azjendi agrikolu tal-bhejjem li m'għandhomx faċilitajiet suffiċjenti għall-ħażna tad-demel;
- Tassisti fil-verifika ta' konformità għar-rigward ta':
    - Ir-rispett tal-perjodu magħluq għall-applikazzjoni tal-fertilizzanti;
    - Ir-rispett tad-distanza minima stabbilita għall-ħażna tad-demel;
    - Ir-rispett tar-regoli dwar l-applikazzjoni ta' fertilizzanti/demel fuq art imżerżqa;
    - Il-konsistenza tar-rekords tal-azjendi agrikoli;

- Il-kwalità tal-Pjanijiet ta’ Fertilizzazzjoni u tal-Pjanijiet tal-Ġestjoni tan-Nutrijenti;
- Ir-rispett ta’ prattiċi tal-ġestjoni tal-art;
- Ir-rispett tar-regoli rigward l-applikazzjoni fuq l-art ta’ fertilizzanti nitroġeniċi.

**5.3 Infurzar**

L-awtorità responsabbli mill-infurzar f’dak li jirrigwarda l-konformità mal-Pjan ta’ Azzjoni dwar in-Nitrati se tkun id-Dipartiment tal-Agrikoltura jew entità oħra awtorizzata mid-Dipartiment. Il-programm ta’ spezzjoni mwettaq mill-Aġenzija ta’ Pagamenti għall-verifika ta’ konformità mal-PAN bħala parti mill-kontrolli tal-*cross-compliance* għandu jittieħed inkonsiderazzjoni.

L-infurzar ta’ prattiċi agrikoli tajba jiddependi minn programm ta’monitoraġġ kontinwu filwaqt li l-implimentazzjoni propja tal-miżuri hija evalwata minn tim ta’ uffiċjali u/jew ta’ spetturi tal-azjendi agrikoli. Dawn l-uffiċjali huma responsabbli li jirċievu n-notifikazzjonijiet, għall-amministrazjoni tad-*Database* Nazzjonali tan-Nitrati, mill-ġbir ta’ *data* u miż-żamma ta’ rekords relatati mal-ġestjoni tal-fertilizzanti u tad-demel, l-identifikazzjoni ta’ bdiewa jew/u azjendi agrikoli meta jkun hemm indikazzjonijiet li jistgħu ma jkunux konformi, twettiq ta’ spezzjonijiet, is-suġġeriment ta’ azzjoni rimedjali sabiex jinfurzaw il-miżuri tal-Pjan ta’ Azzjoni dwar in-Nitrati fuq livell azjendali, u jipproponu l-applikazzjoni ta’ multi u ta’ azzjonijiet legali.

**5.3.1** Il-kontrolli amministrattivi huma meħtieġa sabiex ikunu verifikati s-sottomissjonijiet tar-rekords tal-bdiewa fir-rigward tal-ġarr tad-demel likwidu u solidu inkluż id-dati, il-kwantitajiet użati u d-destinazzjoni finali sabiex ikunu miżmuma rekords aġġornati fuq l-użu u x-xiri ta’ fertilizzant inorganiku u demel tal-bhejjem; sabiex tkun verifikata l-konformità mal-perjodi meta l-applikazzjoni ta’ fertilizzanti nitroġeniċi fuq l-art hi projbita sabiex ikunu identifikati l-bdiewa li jagħmlu użu eċċessiv ta’ fertilizzanti u dawk illi jeċċedu r-rati ta’ ħażna tal-azjendi agrikoli, u jkun verifikat illi l-bdiewa kollha huma reġistrati u li l-bejgħ u x-xiri kollu huwa notifikat lill-Awtorità Kompetenti.

Il-kontrolli amministrattivi se jsiru mit-Taqsima ta' Azzjoni dwar in-Nitrati mwaqqfa speċifikament fid-Dipartiment tal-Agrikoltura, barra dawk li jsiru mit-Taqsima tal-Kontroll attwali li tifforma parti mill-Aġenzija tal-Ħlasijiet li hi responsabbli mill-kontrolli ta' fondi tal-UE, inkluż dawk il-kontrolli relatati mal-*cross-compliance*.

**5.3.2** Il-kontrolli fuq il-post għandhom isiru fuq bażi ta' kampjuni każwali u bbażati fuq il-possibilità tar-riskju. L-azjendi agrikoli b'riskju ambjentali akbar se jkunu monitorati b'mod aktar intensiv. Il-klassifikazzjoni tal-gruppi ta' riskju ħa tkun ibbażata fuq id-daqs tal-azjenda agrikola, it-tip ta' bhejjem fl-azjenda, l-użu ta' fertilizzanti kimiċi u organiċi, il-prattiċi agrikoli, it-tip u l-pożizzjoni tal-azjenda. Id-*Database* Nazzjonali tan-Nitrati ħa jkollha rwol importanti fl-identifikazzjoni ta' azjendi fir-riskju. L-azjendi agrikoli tal-bhejjem, l-azjendi agrikoli li jagħmlu użu minn ammonti kbar ta' fertilizzanti, l-azjendi li huma lokalizzati fuq art imżerżqa u/jew għandhom ħamrija li tista' tisfa mgħarrqa, u dawk li huma viċin riżorsi tal-ilma ħa jkunu kkunsidrati bħala azjendi b'riskju relattivament għoli.

**5.3.3. Avviż ta' Infurzar**

Meta l-Awtorità Kompetenti tkun tal-opinjoni illi meta min jaħdem l-art/min irabbi l-bhejjem/il-bejjiegħ ikun fi ksur jew jista' jkun fi ksur tar-regolamenti f'ċirkostanzi li jagħmlu l-kontinwazzjoni jew ir-repetizzjoni ta' dan il-ksur probabbli, l-Awtorità Kompetenti toħroġ avviż ta' infurzar.

L-avviż ta' infurzar għandu jiddikjara:

- L-azzjonijiet rikjesti mill-persuna li ġie notifikati bl-avviż, li jista' jkun ikkunsidrat bħala rimedju addattat, jew li jipprevjeni l-kontinwazzjoni jew ir-ripetizzjoni tal-kontravenzjoni li tkun wasslet għan-notifikazzjoni tal-avviż;
- il-perjodu li fih għandu jkun hemm konformità mar-rekwiżit partikolari; u
- jinforma lill-persuna li ġie notifikat bl-avviż, bid-dritt li jappella.

Abbażi tan-natura tan-non-konformità, il-perjodu għall-konformità indikat fl-avviż għandu jkun raġonevoli għaċ-ċirkostanzi, u fl-ebda każ ma għandu jkun ta' inqas minn 28 ġurnata.

L-avviż ta' infurzar jista' jkun appellat u dan l-appell għandu l-effett li jkun sospiż il-perjodu ta' konformità.

L- Awtorità Kompetenti tista' f'kull ħin;

- tirtira l-avviż;
- testendi l-perjodu ta' konformità;
- bil-kunsens tal-persuna li lilha ġie nnotifikat l-avviż, temenda r-rekwiżit tal-avviż.

**5.4 Reati**

Il-miżuri li jinsabu fil-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati huma riflessi f'leġislazzjoni nazzjonali fir-Regolamenti tal-2011 dwar Programm Ta' Azzjoni dwar in-Nitrati. B'dan il-mod, kull attività agrikola, irrispettivament min-natura tagħha, d-daqs, it-tip ta' bhejjem jew l-ispeċi ta' bhejjem, tkun obbligata li tikkonformaw mal-istandards tal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati. Però l-mod li bih l-azjendi agrikolihuma mistennija li jagħmlu r-rapport u l-intensità tal-ispezzjoni jkunu differenti skond il-profil ta' riskju tagħhom, sabiex il-piżijiet amministrattivi fuq il-bdiewa u r-raħħala u l-ispejjeż ta' implimentazzjoni tal-Gvern, ikunu mill-aktar baxxi possibbli. Din tagħmilha wkoll possibbli li r-riżorsi umani disponibbli għall-ispettorati jintużaw bl-aktar mod effiċjenti possibbli.

Il-fuq imsemmija regolamenti li ħa jikkodifikaw l-miżuri li jinsabu f'dan il-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati ħa tagħmel in-nuqqas ta' konformità mal-istandards u l-obbligi tal-Pjan ta'Azzjoni Nazzjonali reat u hi soġġetta għal proċeduri legali u għal penali.

In-nuqqas ta' konformità mal-miżuri tal-PAN ikun infurzat permezz tal-ħruġ ta' avviżi (twissija), segwiti minn sanzjonijiet punittivi skond is-severità tal-ksur tar-regolamenti. Il-penali jieħdu l-forma ta' taħlita ta' multi amministrattivi u ta' ġustizzja kriminali, b'enfasi fuq l-applikazzjoni ta' multi amministrattivi. Ir-rikors għall-prosekuzzjoni kriminali għandu jseħħ biss f'każi serji ta' ksur u ta' frodi.

## 6.0 – Evalwazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali

### 6.1 Evalwazzjoni tal-effettività tal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati

**6.1.1.** Għandhom isiru programmi ta' monitoraġġ sabiex tkun evalwata l-effettività tat-tieni Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati permezz ta' kontrolli amministrattivi abbażi tad-*data* li tintbagħat lill-Awtorità Kompetenti u ta' *cross-checks* ma' *databases* relevanti oħra kif ukoll permezz ta' spezzjonijiet fiżiċi fuq l-azjendi agrikoli infushom.

**6.1.2** Il-programmi ta' monitoraġġ tal-kwalità tal-ilma għandhom ikunu stabbiliti kemm għall-ilma tal-wiċċ kif ukoll l-ilma tal-pjan. Dawn il-programmi diġà ġew iddisinjati skond id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. Dawn huma ppreżentati f'aktar dettall fit-taqsima 6.2.

### 6.2 Programm Ġenerali ta' Monitoraġġ

L-Awtorità Kompetenti għandha tfassal u timplimenta programm ta' monitoraġġ sakemm tkun evalwata l-effettività tal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati.

#### 6.2.1 Monitoraġġ tal-ilma tal-wiċċ [10]

Il-programm ta' monitoraġġ għall-ilma kostali tal-wiċċ se jibni fuq il-monitoraġġ tal-ewwel ċiklu (**Stampa 5**) u l-programmi ta' monitoraġġ tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (DQI). Fl-2010 tnieda stħarriġ ta'referenza tal-parametri fiżiċi, kimiċi u bijoloġiċi, ffinanzjat permezz tal-ERDF. Id-*data* li se tinġabar għandha tgħin fl-iżvilupp ta' metodi ta' evalwazzjoni għall-ilma tal-wiċċ fil-kuntest tad-Direttiva dwar in-Nitrati kif ukoll id-DQI.

[10] L-ilma tal-wiċċ jinkludu nixxigħat ta' ilma ħelu u għadajjar, ilma temporanju u ilma kostali tal-wiċċ.




**Stampa 5: Stazzjonijiet għat-teħid tal-kampjuni għall-korpi tal-wiċċ interni l-art, kostali u temporanju fil-perjodu 2006-2008**

### 6.2.2 Monitoraġġ tal-ilma ta' taħt l-art

L-Artiklu 8 tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (DQI) jirrikjedi li jkunu stabbiliti programmi ta' monitoraġġ ta' 'sorveljanza' u 'operazzjoni'. Dawn il-programmi ta' monitoraġġ huma intiżi li jipprovdu l-informazzjoni neċessarja sabiex jintlaħqu l-għanijiet ambjentali tal-Artiklu 4, b'mod partikolari l-evalwazzjoni tal-istat kwantitattiv tal-ilma ta' taħt l-art, l-istat kimiku u l-identifikazzjoni ta' xejriet sinifikanti u fit-tul fil-kundizzjonijiet naturali u xejriet b'riżultat ta' attività umana fil-korpi tal-ilma ta' taħt l-art. Il-programm jipprevedi l-ġbir ta' *data* kwalitattiva f'intervalli regolari. In-nitrati fl-ilma ta' taħt l-art ikunu evalwati kull sitt xhur f'kull korp tal-ilma ta' taħt l-art. In-netwerk tal-ilma ta' taħt l-art jidher b'mod grafiku fi **Stampa 6**:




**Stampa 6: Netwerk ta' Monitoraġġ tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma ta' taħt l-Art**

## 6.3 Monitoraġġ lokalizzat tal-ilma f'żoni ta' riskju ogħla (Żoni tal-ilma tax-xorb protetti)

Il-monitoraġġ tan-nitrati fl-ilma tal-pjan se jsir ukoll kull xahar fl-istazzjonijiet kollha li jintużaw f'Malta għall-estrazzjoni tal-ilma għall-konsum uman.. Dan il-monitoraġġ, jikkonċerna żewġ korpi prinċipali ta' ilma ta' taħt l-art fil-gżejjer (fil-livell medju tal-baħar f'Malta u fil-livell medju tal-baħar f'Għawdex) kif ukoll fil-korpi tal-ilma ta' taħt l-art iżgħar tal-Imġarr-il-Wardija u tal-Miżieb.

Id-*data* ġġenerata mill-programm ta' monitoraġġ tal-ilma ta' taħt l-art se tintuża biex tkun supplimentata, meta meħtieġ, id-*data* minn *networks* ta' monitoraġġ tad-DQI.

## 6.4 Monitoraġġ tal-impatt tal-miżuri fl-azjendi agrikoli

Id-Dipartiment tal-Agrikoltura se jkun responsabbli mill-evalwazzjoni tal-effettività ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati. L-iżvilupp tad-*Database* Nazzjonali tan-Nitrati se jkollu rwol importanti għall-evalwazzjoni tal-effettività tal-Pjan ta' Azzjoni. Barra minn hekk, ħa jiġi implimentat programm ta' monitoraġġ relatat mal-effettività tal-Pjan ta' Azzjoni f'termini ta' titjib fil-prattiċi agrikoli.

Il-pjan propost għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati jinkludi:

- il-ġbir ta' *data* ta' bażi (*baseline data*);
- l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati,
- il-ġbir ta' *data* fuq il-perjodu ta' monitoraġġ; u
- l-evalwazzjoni tal-effettività tat-tibdil fl-indikaturi tal-prattiċi tal-ġestjoni tal-azjenda agrikola meta mqabbla ma' *data* ta' bażi, livelli ta' miri u limiti bid-*data* miġbura wara l-implimentazzjoni.

Waħda mill-affarijiet l-aktar importanti li se joħorġu mill-programm ta' monitoraġġ se tkun l-abilità li jkunu identifikati liema miżuri mill-Pjan ta' Azzjoni huma effettivi u liema miżuri jista' jkollhom bżonn ta' modifikazzjoni sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva.

### 6.5 Programm ta' Monitoraġġ

Hhemm żewġ komponenti għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni. L-ewwel wieħed hu bbażat fuq l-informazzjoni ġenerata speċifikament għall-użu tal-proċess ta' evalwazzjoni u għall-indikaturi u l-istatistika nazzjonali. It-tieni komponent jinvolvi programmi komprensivi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni f'ċerti oqsma agrikoli magħżula. Ir-riżultat ta' dawn iż-żewġ programmi ta' monitoraġġ flimkien mad-*data* tal-kwalità tal-ilma ser isiru skond il-linji gwida ta' rappurtaġġ tal-Kummissjoni Ewropea għall-evalwazzjoni tax-xejriet temporali fl-ambjent akwatiku u fil-prattika agrikola.

#### 6.5.1 Indikaturi u Statistika Nazzjonali

Hemm żewġ stħarriġiet nazzjonali importanti relatati mal-provvista ta' indikaturi nazzjonali għall-programm ta' monitoraġġ. Dawn huma l-iStħarriġ fuq l-Istruttura tal-Irziezet u l-iStħarriġ fuq l-Użu tal-Fertilizzanti, li huma t-tnejn mmexxija mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

#### 6.5.2 Studji dettaljati f'Oqsma Speċifiċi

Hemm bżonn ta' studji oħra apparti l-programm nazzjonali ta' monitoraġġ u l-programm ta' evalwazzjoni sabiex ikun evalwat il-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati. Fil-fatt, hu propost programm ibbażat fuq oqsma agrikoli lokalizzati sabiex ikun indirizzat dan il-bżonn. L-istudji fl-oqsma agrikoli ser jinkludu t-tipi differenti ta' pajsaġġi li jikkonsistu f'art b'xaqliba wieqfa ħafna, it-tipi differenti ta' ħamrija, u diversi attivitajiet agrikoli u sistemi tal-azjendi agrikoli. L-għażla tal-oqsma agrikoli relevanti ħa ssir b'konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi u mal-Awtorità ta'

Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA). L-għan tal-programm ta' monitoraġġ u evalwazzjoni hu li jipprovdi evidenza xjentifika tal-effiċjenza tal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati. Ir-riżultati tal-istudju ħa jkunu mqabbla mal-kwalità tad-*data* tal-monitoraġġ tal-ilma ta' taħt l-art.

L-indikaturi għall-ġestjoni tal-azjendi agrikoli u dawk ta' attitudni jinkludu:

- Prattiċi tal-azjendi agrikoli – livelli ta' fertilità tal-ħamrija, tendenzi ta' użu tal-art, ġestjoni tal-fertilizzanti u d-demel (żminijiet ta' tferrix, rati u postijiet); konċentrazzjoni tal-użu tal-fertilizzanti, *outputs*, bilanċ tan-nutrijenti, stħarriġ dwar l-azjenda agrikola, zoni ta' protezzjoni, stħarriġ finanzjarju dwar l-azjenda;
- Studji ta' mġieba – stħarriġ ta' attitudni.

L-istudji speċifiċi li jiġbru fihom pajsaġġi u prattiċi agrikoli joffru opportunità unika biex tkun iġġenerata informazzjoni li tista' tintuża għall-evalwazzjoni tal-effettività tal-miżuri tal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati. B'dan il-mod, fejn il-miri ma jkunux qed jintlaħqu, ikunu jistgħu jsiru l-aġġustamenti meħtieġa li jiġu rakkomandati.

L-istudji ta' mġiba fost il-komunitajiet agrikoli se jgħinu biex jitjieb l-għarfien tal-fatturi li jiddeterminaw il-fehma tal-bidwi u r-risposti għall-kontrolli ta' telf ta' nutrijenti mill-agrikoltura għal ġol-ilma. Ir-riżultati li joħorġu minn dawn l-istudji se jgħinu biex ikunu żviluppati modi aħjar u biex ikun hemm titjib fl-istrateġiji tat-trasferiment tat-teknoloġija.

## 7.0 – Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali

Biex Malta tkun konformi mad-Direttiva tan-Nitrati hu meħtieġ li jkun hemm riżorsi adegwati sabiex ikunu implementati l-miżuri li jinsabu f' dan il-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati, li jinkludu:

a) L-armonizzazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati mal-miżuri regolatorji skond l-Anness 3 tal-Avviż Legali 343 tal-2001;

b) L-infurzar ta' miżuri mitluba mill-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati, fuq kull azjenda agrikola f'Malta u Għawdex;

c) It-twaqqif ta' kapaċità ta' ttestjar xierqa għall-ħamrija u l-ilma (*in-house* jew *out-sourced*);

d) It-taħriġ ta' tekniċi għall-implimentazzjoni tal-miżuri;

e) Il-monitoraġġ tal-livelli tan-nitrati;

f) Programmi edukattivi, ta' taħriġ u ta' konsulenza għall-appoġġ tal-komunità agrikola;

g) Ġbir ta' *data*.

### 7.1 Investiment u finanzjament

#### 7.1.1 Investiment għall-immodernizzar tal-azjendi agrikoli

Il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali se jagħti għajnuna finanzjarja bis-saħħa tal-Programm ta' Żvilupp Rurali 2007-2013 għall-immodernizzar ta' azjendi agrikoli skond il-miżura M121 (Immodernizzar ta' azjendi agrikoli) b'baġit ta' madwar €19-il miljun.

#### 7.1.2 Fondi għat-Taħriġ, għall-Informazzjoni u għat-Tixrid tal-Għarfien

Il-fondi huma disponibbli wkoll għall-assistenza teknika permezz tal-miżura M114 (Użu tas-servizz ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli) u l-miżura M111**,** Taħriġ, Informazzjoni u Tixrid ta' Għarfien b'baġit totali ta' madwar €2 miljun.

## 7.2 It-Twaqqif ta' Taqsima ta' Azzjoni dwar in-Nitrati

L-implimentazzjoni b'suċċess tal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati se tiddependi l-aktar fuq l-effiċjenza tat-Taqsima ta' Azzjoni dwar in-Nitrati fil-monitoraġġ u l-kontroll tal-konformità tal-azjendi agrikoli mal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati.

It-taqsima ta'Azzjoni għandha tkun komposta inizjalment minn:

- **Maniġer/Uffiċjal Prinċipali għall-Agrikoltura** – Il-Maniġer/UPA se jkun responsabbli mill-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati, mit-Taqsima ta' Azzjoni dwar in-Nitrati u mill-monitoraġġ ta' kull tibdil li jkun hemm bżonn li jsir fit-Taqsima jew fil-Programm ta' Azzjoni dwar in-Nitrati sabiex jintlaħqu l-objettivi tad-Direttiva dwar in-Nitrati;

- **Uffiċjal Għoli tal-Agrikoltura** - se jikkordina bejn il-Maniġer/UPA u l-uffiċjali tal-agrikoltura/kontrolluri eċċ;

- **Erba' Uffiċjali tal-Agrikoltura –** Dawn l-uffiċjali inizjalment se jaħdmu fuq kampanja ta' informazzjoni estensiva relatata mal-obbligi tal-bdiewa u l-azzjoni meħtieġa sabiex ikun hemm konformità ma' dawn l-obbligi. Il-kampanji ta' informazzjoni/edukazzjoni mhux se jiffokaw fuq l-obbligi li l-bdiewa għandhom jirrispettaw imma se jiffokaw ukoll fuq prattiċi agronomiċi. Dawn il-prattiċi għandhom jgħinu lill-bdiewa jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati bl-inqas impatt ekonomiku possibbli. Meta mbagħad il-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati jkun qed jopera kollu, in-numru ta' Uffiċjali tal-Agrikoltura għandu jikber għal tmienja (8) sabiex it-Taqsima tkun tista' twettaq il-kontrolli meħtieġa fuq il-post.

- **Żewġ Uffiċjali Eżekuttivi** – l-Uffiċjali Eżekuttivi ħa jkunu responsabbli mid-dħul ta' informazzjoni relatata mal-użu tal-fertilizzanti, il-ġarr tad-demel eċċ, mill-bdiewa, mill-ħruġ ta' rapporti jew mill-infurzar ta' avviżi, u mil-liċenzji mid-*Database* tan-Nitrati.

- **Operatur tas-Sistema** – Dan l-uffiċjal se jkollu rwol ferm importanti fit-twaqqif u l-manteniment ta' sistema effettiva tal-IT, jiġifieri d-*Database* tan-Nitrati. Hu jkun responsabbli li jassigura li d-*Database* u s-*software* tagħha jirriflettu l-bżonnijiet tat-Taqsima ta' Azzjoni dwar in-Nitrati.

### 7.3 *Database*

Sabiex il-monitoraġġ u l-kontroll tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati jkun suċċess, u sabiex tkun assigurata l-konformità tal-bdiewa, importanti ħafna li t-Taqsima ta' Azzjoni dwar in-Nitrati jkollha Sistema ta' *Database* effiċjenti. Din għandha tippermetti mhux biss kontroll effettiv fuq l-implimentazzjoni tal-programm imma trid tkun immirata wkoll li tnaqqas il-piż amministrattiv.

#### 7.3.1 L-Għażla tal-aħjar sistema ta' *Database*

Fuq il-medda tas-snin l-imgħoddija l-MRRA, bl-għajnuna tal-fondi tal-UE, investa fl-iżvilupp ta' Sistema ta'Amministrazzjoni Integrata u ta' Kontroll (IACS) fi ħdan l-Aġenzija għall-Pagamenti. Ir-rwol u l-użu primarju ta' din is-sistema huma maħsuba sabiex tintlaqa' l-għajnuna finanzjarja mill-UE għall-applikazzjonijiet għal Pagamenti Diretti u għal żvilupp rurali. Din is-sistema diġà fiha ammont ta' informazzjoni sinifikanti li se jkollha bżonn it-Taqsima ta' Azzjoni dwar in-Nitrati sabiex tkun tista' timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali. Barra minn hekk l-informazzjoni f'din is-sistema, fil-każ ta' min jikkultiva l-art jew juża l-art, hi aġġornata b'mod regolari flimkien mar-riżultati. Dawn il-kontrolli, speċjalment dawk li jirrigwardaw il-*cross-compliance*, (SMR 4 – Direttiva dwar in-Nitrati) se jnaqqsu l-ammont ta' kontrolli li t-Taqsima ta' Azzjoni se jkollha twettaq.

Min-naħa l-oħra l-Aġenzija ta' Pagamenti għandu jkollha aċċess għall-informazzjoni u d-*data* miġbura mit-Taqsima ta' Azzjoni dwar in-Nitrati għal dak li jirrigwarda l-konformità tal-bdiewa li japplikaw taħt l-iskemi ta' Pilastru I u Pilastru II, mad-Direttiva dwar in-Nitrati. *Data* oħra li t-Taqsima ta' Azzjoni dwar in-Nitrati se tkun qed tuża fil-monitoraġġ u l-kontroll tal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati hi relatata mal-bhejjem.

#### 7.3.2 Tisħiħ li għandu jsir fis-sistema kurrenti

Il-kapitli 3 u 4 tal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati jenfasizza kemm l-obbligi tal-bdiewa kif ukoll ir-responsabilitajiet u d-dmirijiet tat-Taqsima ta' Azzjoni dwar in-Nitrati. It-tisħiħ li għandu jsir fuq is-Sistema għandu jirrifletti dawk l-obbligi u r-responsabilitajiet imsemmija f'dawn il-kapitli;

It-tisħiħ għandu jipprovdi għal;

- Bdiewa reġistrati li jużaw fertilizzanti;
- Attendenza għal taħriġ obbligatorju;

- Informazzjoni fuq prattiċi għall-ġestjoni tal-art;
- Informazzjoni fuq l-użu tal-art, jiġifieri wċuħ tar-raba' kkultivati;
- Informazzjoni fuq il-pajsaġġ, it-tipi ta' ħamrija, is-sorsi tal-ilma u l-passaġġi tal-ilma;
- Informazzjoni fuq il-kontenut ta' nitroġenu tal-oqsma tal-art;
- Informazzjoni fuq il-bejgħ u ċ-ċaqliq tad-demel tal-bhejjem;
- *Data* fuq il-bejgħ u x-xiri ta' fertilizzanti kimiċi;
- Informazzjoni fuq kontrolli magħmula minn awtoritajiet oħra;
- Riżultati tal-monitoraġġ u tal-kontrolli;
- Lista tal-konsulenti u esperti tekniċi;
- Lista tat-trasportaturi tad-demel;
- Lista tal-bejjiegħa bl-imnut ta' fertilizzant organiku proċessat u fertilizzant inorganiku;
- Formoli li għandhom jiġu mimlijin mill-bdiewa għall-ġarr tad-demel u għall-applikazzjoni ta' fertilizzanti;
- Mudelli ta' avviżi tal-infurzar, li possibbilment ikunu ġġenerati/maħruġa awtomatikament mis-sistema meta jkun identifikat ksur jew nuqqas ta' konformità mar-regolamenti;
- L-iġġenerar awtomatiku ta' pjanijiet ta' fertilizzazzjoni, għal kull għalqa, mis-sistema.

## 7.4 Servizzi Nazzjonali ta' Konsulenza

Hemm bżonn li jitwaqqaf Servizz Nazzjonali ta' Konsulenza għall-bdiewa li jkollu l-kompitu primarju li jipprovdi għajnuna teknika lill-komunità agrikola. Huwa maħsub illi l-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali (MRRA) jwaqqaf Servizz ta' Konsulenza li jikkumplimenta s-servizzi ta' konsulenza offruti minn organizzazzjonijiet privati. Is-servizzi offruti jkunu jippromwovu prattiċi agrikoli tajba kif definiti fil-COGAP imma aktar importanti minn hekk li jkunu ta' għajnuna għall-bdiewa biex ikunu konformi mal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati permezz ta' għajnuna teknika diretta u taħriġ.

Is-Servizz ta' Konsulenza għandu jkun magħmul minn tim ta' esperti fis-settur tal-politika agrikola u tal-ġestjoni tar-riżorsi. Huwa mistenni li t-tim ikun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-erba' oqsma ewlenin:

I. Żvilupp ta' għajnuna teknika lill-komunità agrikola permezz ta':

- Il-provvista ta' għajnuna għall-bdiewa li volontarjament ifittxu assistenza teknika
- L-organizzazzjoni ta' żjarat fl-azjendi agrikoli biex jipprovdu appoġġ prattiku fuq il-post

II. It-tisħiħ tal-għarfien tal-bdiewa fuq il-ġestjoni effettiva tal-azjendi agrikoli u l-produzzjoni tal-uċuħ tar-raba' billi:

- Tkun organizzata u implimentata kampanja ta' kuxjenza nazzjonali mmirata lejn il-komunità agrikola li fiha tingħata attenzjoni partikolari lill-promozzjoni ta' strateġiji ta' ġestjoni effettivi tal-azjendi agrikoli u li tipprovdi gwida fuq il-konformità mal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati;

- Jiġu organizzati korsijiet u sessjonijiet ta' taħriġ għall-bdiewa u, b'kollaborazzjoni mal-Awtorità Maltija dwar l-Istandards, jinħarġu ċertifikati għall-bdiewa li jattendu dawn il-korsijiet.

## 7.5 Tqassim ta' informazzjoni

Huwa essenzjali li tingħata gwida fuq il-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati sabiex jintlaħqu l-għanjiet tiegħu. Se jinħadem u jiġi ppubblikat dokument gwida li ma jkunx tekniku. Dan se jitqassam mal-komunità agrikola u mal-individwi interessati. Se jittella' wkoll fuq l-internet. Huwa mistenni li d-dokument jispjega r-rekwiżiti tal-PAN u jipprovdi wkoll punti prattiċi fuq kif il-miżuri speċifikati fil-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati jistgħu jiġu implimentati bl-aħjar mod. Dan id-dokument se jkun ikkumplimentat mis-servizzi offruti mis-Servizzi ta' Konsulenza tal-Irziezet. Ħa jsir ukoll DVD li se jispjega l-obbligi mniżżla fil-Pjan ta' Azzjoni dwar in-Nitrati.

## ANNESS I: *CROSS-COMPLIANCE* MAL-ISTANDARDS TAN-NITRATI

| Standard | Rekwiżit |
|---|---|
| B1 | L-applikazzjoni ta' fertilizzanti minerali u organiċi għandhom ikunu bbażati fuq pjan ta' fertilizzazzjoni.<br>Id-dħul u l-ħruġ tan-nutrijenti tal-pjanti jridu jkunu bbilanċjati.<br>Il-fertilizzanti nitroġeniċi minerali u l-fertilizzanti organiċi jridu jkunu applikati ftit wara ż-żrigħ.<br>Kull meta hu possibbli hija rakkomandata l-applikazzjoni gradwali tal-fertilizzant. |
| B2 | Id-demel tal-bhejjem applikat fuq l-art għandu jkun ta' inqas minn 170kg/N/ett/sena. |
| B3 | Ix-xiri ta' kull tip ta' fertilizzant minerali u organiku għandu jkun irrekordjat mill-bidwi. |
| Q1 | L-ebda tip ta' fertilizzant organiku u inorganiku m'għandu jkunu applikat bejn il-15 ta' Ottubru u l-15 ta' Marzu. |
| Q2 | Il-fertilizzant likwidu ta' natura inorganika ma jistax ikun applikat f'ħamrija f'art imżerżqa ta' 10m/100m jew aktar. |
| Q3 | Id-demel solidu u l-fertilizzanti minerali m'għandhomx ikunu applikati fuq art imżerżqa sakemm ma jkunux inkorporati immedjatament wara l-applikazzjoni. |
| Q4 | Il-fertilizzanti (minerali u organiċi) m'għandhomx ikunu applikati f'ħamrija mifqugħa bl-ilma u f'ħamrija li hi f'riskju tal-għargħar. |
| Q5 | It-tipi kollha ta' fertilizzanti minerali u organiċi għandhom ikunu distribwiti b'mod uniformi fl-għalqa. |
| Q6 | Id-demel solidu għandu jkun inkorporat fil-ħamrija mill-aktar fis possibbli. |
| Q7 | Il-fertilizzanti (minerali u organiċi) m'għandhomx ikunu applikati fl-ebda tip ta' korsija ta' ilma ħelu. |

Q8 Waqt l-applikazzjoni tal-fertilizzanti għandha tinżamm distanza ta' mill-inqas 30m mill-passaġġi tal-ilma ħelu u *boreholes*.

Q9 Id-demel solidu m'għandux ikun applikat f'distanza ta' inqas minn 100m mill-kosta.

Q10 Il-ħażna tad-demel solidu fl-għelieqi hija permessa bejn is-16 ta' Marzu u l-14 ta' Ottubru jekk il-kontenut ta' materjal xott ikun ta' mill-inqas 30%.

L1 L-irziezet fejn jitrabbew il-bhejjem għandu jkollhom struttura li tipprovdi biżżejjed kapaċità ta' ħażna għad-demel solidu li jkun maħżun matul il-perjodu magħluq bejn il-15 ta' Ottubru u l-15 ta' Marzu.

L2 L-irziezet tal-bhejjem għandu jkollom il-kapacità illi jiġbru l-awrina u l-ilma tal-ħasil ta' mill-inqas 15-il ġurnata.

L3 Id-demel tal-bhejjem għandu jkun maħżun f'demmiela mgħottija bejn il-15 ta' Ottubru u l-15 ta' Marzu.

L4 Id-demel għandu jkun maħżun f'demmiela magħluqa, li ma tnixxix u li tkun imqabbda ma' fossa.

L5 Il-fosos iridu jkunu ċertifikati li ma jnixxux minn perit b' *warrant*.

L6 Is-*sileage* għandu jkun maħżun fi ġwiebi adekwati li ma jnixxux.

L7 Min irabbi l-bhejjem għandu jżomm rekords fuq il-ġarr tad-demel.

L8 Ir-rekords tal-ġarr tad-demel għandhom jinkludu mill-inqas l-isem tal-kuntrattur, il-kwantità u t-tip ta' demel, id-data tal-konsenja u fejn kien trasportat.

L9 Il-kapaċità minima ta' ħażna għad-demel solidu trid tkun biżżejjed biex tkopri l-perjodu magħluq.

**ANESS II: IR-REKWIŻITI TAN-NUTRIJENTI TAL-UĊUĦ TAR-RABA'**

| Tip ta' wiċċ tar-raba' | Rendiment (t/ett) | Nitroġenu Kg N/ett | Fosfru kg $P_2O_5$/ett | Potassju Kg $K_2O$/ett |
|---|---|---|---|---|
| Zunnarija | 30 | 90 | 80 | 160 |
| Bużbież | 50 | 140 | 80 | 160 |
| Qamħ | 5 | 150 | 100 | 100 |
| Xgħir | 5 | 100 | 80 | 80 |
| Ħafur | 4 | 60 | 80 | 60 |
| Qamħirrun | 10 | 250 | 100 | 120 |
| Sorgu | 30 | 250 | 100 | 150 |
| Żerriegħa tar-rapa | 3 | 100 | 100 | 100 |
| Ċiċri | 2 | 30 | 80 | 80 |
| Ful | 3 | 20 | 80 | 80 |
| Fażola | 3 | 20 | 80 | 80 |
| Piżelli | 15 | 30 | 80 | 160 |
| Ħaxix | 30 | 70 | 100 | 100 |
| Silla | 15 | 50 | 120 | 120 |
| Patata | 30 | 150 | 120 | 240 |
| Ħabaq | 30 | 90 | 50 | 150 |
| Brussel Sprouts | 10 | 110 | 80 | 160 |
| Kaboċċi | 30 | 110 | 70 | 160 |
| Ċikwejra | 40 | 130 | 60 | 180 |
| Indivja | 25 | 90 | 50 | 150 |
| Ħass | 30 | 130 | 60 | 180 |
| Kurrat | 30 | 150 | 60 | 180 |
| Tursin | 30 | 80 | 60 | 120 |
| Karfus | 20 | 160 | 90 | 180 |
| Spinaċi | 25 | 120 | 50 | 150 |
| Asparagu | 6 | 90 | 80 | 150 |
| Qaqoċċ | 30 | 170 | 60 | 180 |
| Brokkoli | 20 | 140 | 90 | 180 |
| Pastard | 30 | 100 | 70 | 160 |
| Xibt | 1 | 110 | 80 | 80 |
| Ħjar | 50 | 180 | 120 | 240 |
| Dulliegħ | 50 | 160 | 90 | 180 |
| Fażola Bajda | 30 | 40 | 50 | 100 |
| Brunġiel | 35 | 170 | 80 | 240 |
| Bettieħ | 40 | 150 | 100 | 200 |
| Bżar | 40 | 200 | 100 | 300 |
| Tadam | 50 | 130 | 100 | 200 |
| Qara' | 30 | 130 | 80 | 160 |
| Zukkini | 26 | 130 | 100 | 200 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Tewm | 12 | 150 | 80 | 160 |
| Basal | 30 | 120 | 80 | 160 |
| Pitravi | 60 | 160 | 70 | 210 |
| Ravanell | 30 | 40 | 100 | 100 |
| Nevew | 30 | 90 | 80 | 160 |
| Għeneb tal-mejda | 20 | 180 | 90 | 210 |
| Għeneb tal-inbid | 15 | 110 | 60 | 180 |
| Sfarġel | 12 | 90 | 60 | 120 |
| Tuffieħ | 30 | 130 | 60 | 140 |
| Lanġas | 25 | 160 | 80 | 160 |
| Berquq | 20 | 170 | 70 | 210 |
| Ċirasa | 20 | 110 | 80 | 80 |
| Lewż | 10 | 100 | 80 | 80 |
| Ħawħ/Nuċiprisk | 30 | 170 | 70 | 210 |
| Għajnbaqar | 20 | 150 | 60 | 180 |
| Larinġ | 25 | 210 | 90 | 210 |
| Lumi | 25 | 200 | 80 | 200 |
| Mandolin | 25 | 180 | 80 | 180 |
| Tronġ | 30 | 170 | 70 | 160 |
| Żebbuġ | 3 | 130 | 80 | 160 |
| Tin | 10 | 90 | 60 | 120 |
| Rummien | 10 | 90 | 60 | 120 |
| Frawli | 30 | 190 | 100 | 300 |
| Ċawsli | 12 | 120 | 60 | 180 |

## ANNESS III: KONTENUT TA' NITROĠENU FID-DEMEL TAL-BHEJJEM

| It-tip ta' annimal | Il-kontenut ta' nitroġenu fid-demel | Ir-rata massima tal-applikazzjoni tad-demel (tunn/ett)* |
|---|---|---|
| Baqar | 0.56% | 30 |
| Ħnieżer | 0.81% | 21 |
| Tiġieġ tal-bajd | 1.52% | 11 |
| Tiġieġ tas-simna | 2.62% | 6 |
| Fniek | 0.83% | 20 |
| Nagħaġ | 0.90% | 19 |

*Rati approssimattivi ta' demel differenti sabiex ikun hemm konformità mal-livell ta' 170kg N/ett.

## ANNESS IV: EŻEMPJU TA’ KIF TIKKALKULA L-BILANĊ TAN-NUTRIJENTI

### MUDELL TAL-PJAN TAL-FERTILIZZANTI

| | |
|---|---|
| **Isem:** | |
| **I.D.:** | |
| **Indirizz:** | |

| | |
|---|---|
| **It-Tip tal-Wiċċ tar-Raba’** | |

| | |
|---|---|
| **Rendiment Mistenni (t/ett)** | |

| **Data tat-testijiet tal-ħamrija mg/l** | **N** | **P** | **K** |
|---|---|---|---|
| | | | |

| | | **Ammont** | **Nutrijenti tal-pjanti** | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | **N** | **$P_2O_5$** | **$K_2O$** |
| Ir-rekwiżit tan-nutrijenti tal-pjanti kg/ett | *l-ispazju tal-art tal-għalqa* | | *valur* | *valur* | *valur* |
| Ir-rekwiżit tan-nutrijenti tal-pjanti f’żona partikolari (kg) | | | *valur* | *valur* | *valur* |
| Livelli tan-nutrijenti fil-ħamrija | | | | | |
| Nutrijenti li ħa jkunu applikati permezz tal-ilma tat-tisqija | | | | | |
| Nutrijenti li ħa jkunu applikati bħala fertilizzant | | | *valur* | *valur* | *valur* |
| It-tip ta’ demel li ħa jkun applikat u l-kontenut tan-nutrijenti f’tunnellata waħda | *tip ta’ demel* | | *valur* | *valur* | *valur* |
| L-ammont massimu ta’ nitroġenu permess fid-demel tal-bhejjem li jista’ jkun applikat f’żona partikolari | | | | | |
| Ir-Rata Massima ta’ demel (tunnellati) | | *kwantità ta’ demel* | | | |
| Ammont ta’ demel li hemm bżonn f’żona partikolari, b’tali mod li jkunu sodisfatti r-rekwiżiti tal-pjanti, li fih in-nutrijenti partikolari (tunnellati) | | *kwantità ta’ demel* | *valur* | *valur* | *valur* |
| Ammont ta’ nutrijenti li għandhom jiġu applikati mill-fertilizzanti | | | *valur* | *valur* | *valur* |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Ammont ta' fertilizzant nitroġenu | *Tip ta' fertilizzant* | *valur* | | | |
| Ammont ta' fertilizzant P | *Tip ta' fertilizzant* | *valur* | | | |
| Ammont ta' fertilizzant K | *Tip ta' fertilizzant* | *valur* | | | |

Ippreparat minn: ______________ ___________

Firma Data

## ANNESS V: KALKOLU TAL-BŻONN TA' KAPAĊITÁ GĦALL-ĦAŻNA TAD-DEMEL SOLIDU / LIKWIDU

| Annimal | Kapaċità fi ġranet | Numru ta' annimali fl-azjenda agrikola | Volum Totali ta' Demel għall-kapaċità/ras f'M³ | Volum Totali f' M³ (*CxD*) | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Tiġieġ tas-simna** | 15 | | 0.004 | | Fossa |
| | 153 | | 0.015 | | Demmiela |
| **Tiġieġ tal-bajd** | 15 | | 0.00106 | | Fossa |
| | 153 | | 0.01683 | | Demmiela |
| Fil-każ ta' tnixxif bl-arja | 153 | | 0.009792 | | Demmiela |
| **Għewietaq** | 15 | | 0.00135 | | Fossa |
| | 153 | | 0.00918 | | Demmiela |
| **Total** | 15 | | | | Fossa |
| **Total** | 153 | | | | Demmiela |
| **Fniek** | 15 | | 0.04875 | | Fossa |
| Fenkiet | 153 | | 0.11 | | Demmiela |
| **Majjali** | | | | | |
| **Majjali nisa** | | | | | |
| Qed ireddgħu | 15 | | 0.15 | | Fossa |
| Tqal | 15 | | 0.045 | | Fossa |
| Qżieqeż | 15 | | 0.045 | | Fossa |
| Faħal | 15 | | 0.045 | | Fossa |
| **Miftuma/Għas-simna** | 15 | | 0.06 | | Fossa |
| **Total** | 15 | | | | Fossa |
| **Majjali nisa** | | | | | |
| Qed Ireddgħu | 153 | | 1.16 | | Demmiela |
| Tqal | 153 | | 0.07 | | Demmiela |
| Qżieqeż | 153 | | 0.07 | | Demmiela |
| **Faħal** | 153 | | 0.07 | | Demmiela |
| **Miftuma/Għas-simna** | 153 | | 0.07 | | Demmiela |
| Total | 153 | | | | Demmiela |
| **Ovini u Kaprini** | 15 | | 0.03 | | Fossa |
| | 153 | | 0.26 | | Demmiela |
| **Frat** | | | | | |
| **Baqar** | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Qed Ireddgħu + Niexfa | 153 | | 7.36 | | Demmiela |
| Qed Ireddgħu Biss | 15 | | 0.9 | | Fossa |
| Qed Ireddgħu + Niexfa bil-friex | 153 | | 8 | | Demmiela |
| F'każ ta' Separatur | 15 | | 1.5 | | Fossa |
| | 153 | | 1.84 | | Demmiela |
| **Għoġġiela Sena-Sentejn** | | | | | |
| Għoġġiela Sena-Sentejn + Barrin + Sire | 15 | | 0.12 | | Fossa |
| | 153 | | 2.88 | | Demmiela |
| Bil-Friex | 153 | | 3.18 | | Demmiela |
| F'każ ta' Separatur | 15 | | 0.29 | | Fossa |
| | 153 | | 0.76 | | Demmiela |
| **Għoġla 0-1 Sena** | | | | | |
| Għoġġiela | 15 | | 0.18 | | Fossa |
| | 153 | | 1.12 | | Demmiela |
| Bil-Friex | 153 | | 1.24 | | Demmiela |
| F'każ ta' Separatur | 15 | | 0.26 | | Fossa |
| | 153 | | 0.28 | | Demmiela |
| Total | 15 | | | | Fossa |
| Total | 153 | | | | Demmiela |

## ANNESS VI: LINJI GWIDA GĦALL-PJAN GĦALL-ĠESTJONI TAN-NUTRIJENTI

### Taqsima A: Dettalji tal-Propjetà

Din it-taqsima tidentifika l-propjetà u n-nies responsabbli mill-pjan ta' ġestjoni tan-nutrijenti u għandha tinkludi:

- ġabra tad-dettalji tal-kuntatt;
- dikjarazzjoni tad-dettalji dwar iż-żoni tal-azjenda – it-total, l-effettiv (jiġifieri fil-produzzjoni jew iż-żoni mhux maħduma bi preparazzjoni għall-produzzjoni; eskludi dawk iż-żoni li ma jistgħux jintużaw għall-produzzjoni bħalma huma l-passaġġi u l-bini) u ż-żoni irrigati (jekk jeżistu);
- Dikjarazzjoni tat-tip/i ta' irrigazzjoni;
- Deskrizzjoni tat-tip tal-intrapriża (ortikultura, raba' ieħor ikkultivat, vitikultura, tal-ħalib, tal-majjali, eċċ.);
- Dikjarazzjoni tal-objettiv tal-pjan.

### Taqsima B: Pjan tal-objettivi, it-taqsim tal-ġestjoni tal-art u r-riskju ambjentali

Objettivi

L-objettivi tal-Pjan għall-Ġestjoni tan-Nutrijenti għandu jinkludi li:

- tkun konformi mar-rekwiżiti kollha legali marbutin mal-attivitajiet tal-ġestjoni tan-nutrijenti.
- tieħu l-passi kollha prattikabbli sabiex tkun mantnuta jew imtejba l-kwalità tar-riżorsi tal-ilma tal-azjenda.
- tieħu l-passi kollha prattikabbli sabiex taċċerta ruħek illi jkun hemm provvista adekwata ta' nutrijenti fil-ħamrija biex jintlaħqu l-bżonnijiet tal-pjanti.
- tieħu l-passi kollha prattikabbli sabiex in-nutrijenti jinżammu fil-konfini tal-propjetà.
- tieħu l-passi kollha prattikabbli sabiex ikun minimizzat ir-riskju ta' kontaminazzjoni ta' nutrijenti f'zoni li għandhom abitat ta' veġetazzjoni u/jew tal-bhejjem slavaġ sinifikanti.
- tagħmel baġit tan-nutrijenti.

Jekk tagħżel illi ma taċċettax xi waħda minn dawn, ehmeż ġustifikazzjoni (eżempju mappa tal-azjenda li turi li ma hemmx xi żoni ta' veġetazzjoni sinifikanti jew abitat ta' annimali slavaġ).

Objettivi tal-ġestjoni tal-azjenda

Din it-Taqsima għandha:

- tindika dawk l-objettivi addizzjonali illi l-bidwi jew il-maniġer jiddeċiedi illi jpoġġi – pereżempju objettivi dwar miri ta' livelli ta' nutrijenti partikolari jew objettivi dwar prattiċi bħall-ittestjar tal-ħamrija.

- tidentifika t-'taqsimiet ta' ġestjoni tal-art' (TĠA) għall-azjenda agrikola, jiġifieri żoni tal-azjenda li għandhom ġestjoni simili u li jirrispondu għall-ġestjoni bl-istess modi. Tikkunsidra affarijiet bħat-tipi ta' ħamrija, il-pendil, l-attivitajiet ta' ġestjoni (pereżempju art bagħlija jew irrigata, tipi ta' wċuħ ta' raba' li huma differenti b'mod sinifikanti, żoni li qed jirċievu ħama (*slurry*)) u differenzi fil-ġestjoni storika.

  Jekk l-azjenda kollha hija ġestita bl-istess mod jew tirrispondi għall-ġestjoni bl-istess modi, kulma hemm bżonn huwa ta' TĠA wieħed.

- tinkludi nota qasira li tiddistingwi kull TĠA fit-tabella u agħmel nota taż-żona li tkopri.

- timmarka dawn fuq il-mappa tal-azjenda u tehmeż mappa mal-PĠN.

- tinkludi lista tal-attivitajiet tal-ġestjoni tan-nutrijenti tal-azjenda u l-konsegwenzi ambjentali possibbli tagħhom – pereżempju l-użu tal-fertilizzant nitroġeniku jista' jwassal għall-kontaminazzjoni tal-ilma tal-wiċċ jew ta' taħt l-art. Għal kull waħda minn dawn l-attivitajiet, għandu jiġi indikat il-possibilità ta' effetti ambjentali negattivi u l-konsegwenzi ta' dawn l-avvenimenti.

- tikkunsidra biss ir-riskju li jinteret minn xi attività, mingħajr ma jiġu injorati riskji għaliex abbażi li se jingħelbu b'ġestjoni tajba.

- tinkludi nota tal-attivitajiet li hemm ċans li jwasslu għal effetti ambjentali negattivi u/jew konsegwenzi medji jew ogħla fit-tabella tar-riskji ambjentali. Identifika t-TĠA li fuqha se jokkorru.

- tinkludi kummenti fuq ir-riskji identifikati (eż kwestjonijiet reġjonali dwar l-attivitajiet tal-azjenda agrikola).

- tidentifika l-attivitajiet prinċipali tal-ġestjoni tan-nutrijenti li se tindirizza fl-ippjanar.
  - Użu ta' fertilizzant N
  - Użu ta' fertilizzant P

- Rimi ta' effluwenti
- Oħrajn

Jistgħi jiżdiedu objettivi oħrajn iżda l-prattiċi ta' ġestjoni jridu jirriflettu dawn l-objettivi wkoll u jistabilixxu l-passi meħtieġa biex jinkisbu.

**Taqsima Ċ: Gwidi ta' Ġestjoni**

F'din it-Taqsima għandek:

- tiddeskrivi l-ippjanar tal-ġestjoni tal-użu tal-fertilizzant nitroġeniku, l-użu tal-fertilizzant tal-fosfat u l-applikazzjoni tal-effluwent tal-ħalib.
- tagħmel nota tat-tipi tal-fertilizzant applikat, ir-rati u l-postijiet fejn se jkun applikat (TĠA).
- tagħmel lista tar-rekwiżiti speċifiċi li l-azjenda tiegħek għandha dwar l-użu jew l-attività tan-nutrijenti.
- tagħmel lista tar-rekwiżiti speċifiċi li l-Kunsill Lokali tiegħek jista' jkollu fuq l-użu jew l-attività tan-nutrijenti. Dawn jinkludu l-kundizzjonijiet li jridu jintlaħqu sabiex l-attività tkun rikonoxxuta bħala 'attività permessa' jew il-kundizzjonijiet imposti bħala parti minn kwalunkwe kunsens miżmum mill-azjenda għall-attività tal-ġestjoni tan-nutrijenti.
- tagħmel lista tal-aqwa prattiċi ta' ġestjoni (APĠ) li se jiġu implementati fl-azjenda sabiex ikunu mnaqqsa r-riskji ambjentali minn din l-attività.

  Mhux neċessarju li taddotta l-APĠ kollha possibbli għal riskju jew attività partikolari imma l-prattiċi magħżula għandhom ikunu adekwati sabiex ikunu ġestiti r-riskji identifikati fuq il-propjetà li jintirtu.
- Għal kull APĠ inkluż, agħmel nota kif il-bidwi jew il-maniġer se jivverifika li dawn huma implimentati (eż. l-iskular fuq il-mappa tal-azjenda).

**Awtoevalwazzjoni**

Il-bidwi jew maniġer tal-propjetà, għandu kull sena jagħmel awtoevalwazzjoni billi jiċċekkja li l-prattiċi ta' ġestjoni jkunu waslu li jilħqu l-miri li ġew stabbiliti fil-bidu.

- Ivverifika jekk l-attività ta' ġestjoni tan-nutrijenti tkunx laħqet l-objettivi.

- Ivverifika l-implimentazzjoni ta' kull prassi ta' ġestjoni mniżżla fl-istadju tal-ippjanar.
- Evalwa l-effett globali tal-ġestjoni tan-nutrijenti. Ivverifika illi l-miri tal-kodiċi u tal-propjetà jkunu milħuqa.
- Evalwa kemm intlaħqu l-miri, jekk intlaħqux kollha u/jew ftit li xejn, jew jekk bidwi jew il-maniġer huwiex sodisfatt mill-prestazzjoni.
- Jekk l-objettivi ma jkunux milħuqa, jew ikunu ftit li xejn milħuqa, il-prattiċi ta' ġestjoni jkunu jridu jinbidlu. Agħti informazzjoni fuq il-prattiċi l-ġodda ta' ġestjoni, il-persuna responsabbli biex dawn ikunu implimentati u l-iskadenza għat-tlestija jew l-implimentazzjoni.
- Ikteb id-data ta' meta kull prassi ġdida ta' ġestjoni tkun addottata.
- Il-persuna responsabbli għall-PMN (bidwi jew maniġer ta' l-art) trid tiffirma u tniżżel id-data tal-awtoevalwazzjoni.

**Mappa tal-azjenda**

Il-persuna responsabbli mill-PMN għandu jaċċerta ruħu illi ikun hemm anness mill-inqas mappa waħda tal-azjenda, li turi t-taqsimiet tal-ġestjoni tal-art jew li tagħmel distinzjoni bejn żoni ta' ġestjoni.

Jistgħu jiżdiedu wkoll mapep oħra tal-azjenda, pereżempju biex juru żoni li qed jingħataw tip ta' fertilizzant partikolari, u sabiex juru fejn jinsabu korsiji tal-ilma jew sorsi tal-ilma naturali eċċ.

**Baġits ta' nutrijenti u riżultati tat-testijiet tal-ħamrija**

Il-PMN għandha tistabbilixxi baġits ta' nutrijenti u tinkludi riżultati tat-testijiet tal-ħamrija. Din it-Taqsima għanda:

- tivverifika li hemm mill-inqas baġit tan-nutrijenti wieħed anness għal kull taqsima ta' ġestjoni tal-art. Dan hu importanti b'mod speċjali fejn ikunu ġew identifikati riskji ambjentali sinifikanti minn attivitajiet ta'ġestjoni tan-nutrijenti.
- Il-baġit tan-nutrijenti għandu juża l-*inputs* tan-nutrijenti ppjanati u l-*outputs* tal-produzzjoni mistennija minn dik iż-żona tal-art. Jekk kienu kkunsidrati diversi għażliet ta' fertilizzant, allura l-baġit tan-nutrijenti għandu jsostni l-għażla finali.

- Ir-riżultati tat-testijiet fuq il-ħamrija huma importanti biex ikunu stabbiliti livelli inizjali tan-nutrijenti tal-ħamrija għall-ibbaġġitjar tan-nutrijenti.
- It-testijiet l-oħra li jsiru fil-ħamrija huma importanti għax juru x-xejriet tal-fertilità tal-ħamrija fuq medda ta' żmien sabiex ikunu mqabbla mat-tibdiliet mistennija jew ippjanati.

- **ANNESS VII: MUDELL GĦAR-REKORDS TAL-AZJENDI AGRIKOLI**

REKORDS GĦAS-SIDIEN TAL-ART

Isem u Kunjom
Nru tal-Karta tal-Identità

**Pjan għall-Uċuħ tar-Raba'**

| Ref. tal-qasam jew TĠA | Il-Kobor tal-Art (ettari) | It-Tip tal-Wiċċ tar-Raba' |
|---|---|---|
| | | |

**Xiri ta' fertilizzanti inorganiċi / organiċi**

| Data | Tip ta' fertilizzant organiku/inorganiku | Kontenut tan-Nutrijenti | Kwantità (kg) | Il-fornitur jew in-nru tal-karta tal-identità tad-destinatarju |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |

**Użu ta' fertilizzanti inorganiċi / organiċi**

| Data | Tip ta' fertilizzant organiku/inorganiku | Kontenut tan-Nutrijenti | Kwantità (kg) | Ref. tal-qasam jew TĠA |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |

*Informazzjoni Oħra*

- Kopja tal-lista tal-oqsma tal-bdiewa
- Fatturi / irċevuti tax-xiri / noti ta' kunsinna
- Riżultati tat-testijiet tal-ħamrija

REKORDS GĦAL MIN IRABBI L-BHEJJEM

Isem u Kunjom
Nru tal-Karta tal-Identità

**Ċaqliq tad-demel organiku**

| Data | Tip | Kwantità | Nru tal-karta tal-identità tal-konsenjatur | Nru tal-karta tal- identità tat- trasportatur |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |

*Informazzjoni Oħra*

- Ktieb tal-Merħla;
- Fatturi jew irċevuti tal-bejgħ / noti ta' kunsinna;
- Il-kuntratt tal-kirja tal-maħżen;
- Disinn tad-demmiela;
- Ċertifikat ta' konformità minn perit (li d-demmiela ma tnixxix);

- Informazzjoni teknika dwar it-tagħmir għall-għażla tad-demel.